I

*(Tagħrif)*

# IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT SPEĊJALI Nru 4/2005

## dwar il-Ġestjoni mill-Kummissjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika fl-Ażja flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

*(skond l-Artikolu 248 (4), it-tieni sub paragrafu, KE)*

**WERREJ**


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| GLOSSARJU TA' AKRONIMI | | 2 |
| SOMMARJU EŻEKUTTIV | I-VI | 3 |
| INTRODUZZJONI | 1-15 | 4 |
| Sfond u deskrizzjoni tad-dominju | 1-9 | 4 |
| L-għan u l-approċċ tal-verifika | 10-15 | 6 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 16-59 | 10 |
| Hemm strateġija effettiva għall-koperazzjoni ekonomika fl-Ażja? | 16-35 | 10 |
| Strateġija wiesgħa, fid-dawl ta' sfond li qed jinbidel malajr | 18-27 | 10 |
| … miri u indikaturi inadegwati fid-dikjarazzjoni ta' attività … | 28-33 | 11 |
| … twassal għal varjetà wiesgħa ta' proġetti u programmi li l-eżekuzzjoni tagħhom hija diffiċli biex titkejjel | 34-35 | 12 |
| Il-Kummissjoni ġestiet l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni ekonomika effettivament? | 36-59 | 12 |
| Proġetti bilaterali | 38-49 | 12 |
| Proġetti għall-Ażja kollha | 50-59 | 16 |
| KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET | 60-72 | 18 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-istrateġija | 60-65 | 18 |
| Konklużjonijet u rakkomandazzjonijet dwar l-implimentazzjoni | 66-72 | 18 |
| **Flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni** | | 20 |

**GLOSSARJU TA' AKRONIMI**

| | |
|---|---|
| AAL | Ażja — Amerika Latina |
| ABB | *Activity based Baġiting* (Baġit ibbażat fuq Attività) |
| ABM | *Activity based Management* (Ġestjoni bbażata fuq Attività) |
| AIDCO | Uffiċċju ta' Koperazzjoni fl-Ghajnuna Ewropea (jew *EuropeAid*) |
| ASEAN | *Association of South East Asian Nations* (Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet Ażjatiċi tax-Xlokk) |
| ASEM | *Asia-Europe Meeting* (Laqgħa Ażja-Ewropa) |
| CRIS | *Common RELEX Information System* (Sistema ta' Informazzjoni Komuni RELEX) |
| CSP | *Country Strategy Papers* (Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż) |
| EBIC | *European Business Information Centre* (Ċentru Ewropew t'Informazzjoni dwar in-Negozju) |
| ECERP | *EU China Enterprise Reform Project* (Proġett UE-Ċina tar-Riformi ta' l-Intrapriżi) |
| IPR | *Intellectual Property Rights* (Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali) |
| IT & C | *Information Technology & Communications* (Teknoloġija ta' Komunikazzjoni u Informatika) |
| KE | Kummissjoni Ewropea |
| MoU | *Memorandum of Understanding* (Memorandum ta' Ftehim) |
| MUTRAP | *Multilateral Trade Policy Assistance project* (Proġett ta' Ghajnuna fil-Politika tan-Negozju Multilaterali) |
| NIP | *National Indicative Programm* (Programm Indikattiv Nazzjonali) |
| PCM | *Project Cyle Management* (Ġestjoni ta' ċiklu ta' Proġett) |
| PMO | *Project Management Organisation* (Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Proġett) |
| PRSP | *Poverty Reduction Strategy Paper* (Dokument ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar) |
| RELEX | *DG External Relations* (Relazzjonijiet Esterni tad-DĠ) |
| RSP | *Regional Strategy Paper* (Dokument ta' Strateġija Reġjonali) |
| SARS | *Severe Acute Respiratory System* |
| SME | *Small and Medium-sized Enterprise* (Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju) |
| SPF | *Small Projects Facility* (Faċilità għal Proġetti Żgħar) |
| UE | Unjoni Ewropea |
| WTO | *World Trade Organisation* (Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ) |

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

I. In-nefqa ta' l-UE għall-koperazzjoni ekonomika hija regolata skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92, li ffissa l-miri prinċipali (titjib tal-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika; titjib ta' l-istrutturi istituzzjonali; u appoġġ għall-impriżi permezz ta' promozzjoni ta' kummerċ, skemi ta' taħriġ u għajnuna teknika) u jniżżel is-setturi fejn il-fondi ta'l-UE għandhom jintefqu (paragrafi 1-4).

II. Il-koperazzjoni ekonomika fl-Ażja hija implimentata b'żewġ metodi differenti: proġetti bilaterali, bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi benefiċjarji individwali, u programmi reġjonali li jkopru sub-reġjuni, jew dawk li jkopru l-Ażja kollha, li huma msejħa bħala "Programmi għall-Ażja kollha" (paragrafi 5-9).

III. Il-Qorti eżaminat sa fejn il-Kummissjoni stabbiliet strateġija li twassal għall-użu l-aktar effettiv ta' l-għajnuna relatata ma' l-attivitajiet ta' koperazzjoni ekonomika fl-Ażja, u jekk il-Kummissjoni ġestitx l-implimentazzjoni ta' din l-għajnuna effettivament (paragrafi 10-15).

IV. Fir-rigward ta' l-strateġija, il-Qorti sabet:

— nuqqas ta' fokus tan-nefqa: kemm il-politika kif ukoll l-istrateġiji operattivi nstabu li kienu wiesgħa ħafna, li rriżultaw f'varjeta' wiesgħa ta' proġetti li jkopru ħafna oqsma differenti, xi kultant b'miri ambizzjużi żżejjed (paragrafi 16-26);

— miri inkonsistenti mill-politika sal-livelli operattivi, u l-indikaturi ta' impatt u tar-riżultati li jikkonċentraw aktar fuq il-proċess politiku milli fuq ir-riżultat tan-nefqa (paragrafi 28-33);

— bħala riżultat, l-impatt ġenerali ta' l-għajnuna kien diffiċli biex jitkejjel, u hemm bażi limitata fuq xiex tiġi valutata l-effettività ġenerali tagħha u l-valur tal-flus minfuqa (paragrafi 34-35).

V. Fir-rigward tal-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' l-implimentazzjoni tan-nefqa fuq il-koperazzjoni ekonomika, il-Qorti sabet:

— il-proġetti bilaterali sofrew minn dewmien twil kemm bejn il-fażi ta' identifikazzjoni u l-bidu tal-proġetti kif ukoll matul l-implimentazzjoni tagħhom. Dan naqqas ir-riżultati u l-impatti tal-proġetti u f'ċerti każijiet ikkawżaw l-abbandun tagħhom. Il-livell ta' monitoraġġ ma kienx dejjem sodisfaċenti u l-valutazzjonijiet, meta mwettqa, ma sarux dejjem fil-ħin. Il-potenzjal għas-sostenibilità għal madwar nofs il-proġetti verifikati kienet dubjuża (paragrafi 38-49);

— il-proġetti għall-Ażja kollha kienu soġġetti għal proċedura ta' applikazzjoni iebsa u kumplessa u għajnuna potenzjali ta' valur mid-delegazzjonijet biex jassistu l-applikanti ma ngħatatx. Il-proġetti verifikati kienu taw riżultati pożittivi, inkluż il-fatt li dawn laħqu numru kbir ta' benefiċjarji. Il-proġetti kienu ġeneralment immonitorjati tajjeb. Madanakollu, ma kienx ċar jekk is-sostenibilità tagħhom setgħatx tkun assigurata (paragrafi 50-59).

VI. Il-Qorti tirrikkmanda lill-Kummissjoni biex:

— tiffissa strateġija ċara li tagħraf in-natura speċifika tal-koperazzjoni ekonomika u l-miri tagħha, u li jkun fiha indikaturi li jippermettu monitoraġġ tajjeb u valutazzjoni tal-progress. Il-Kummissjoni għandha tassigura loġika u konsistenza fid-dikjarazzjonijiet ta' attività fil-kuntest tal-proċess ABM, li għandhom jippermettu fokus aħjar fuq il-bżonnijiet u l-isfidi speċifiċi ta' din it-tip ta' koperazzjoni (paragrafi 61, 63, 65);

— tidentifika l-azzjonijiet korrettivi neċessarji biex ittejjeb il-proċeduri għall-approvazzjoni, implimentazzjoni, monitoroġġ u valutazzjoni tal-proġetti bilaterali, bi ħsieb li tikseb sostenibilità (paragrafu 68);

— tikkunsidra mill-ġdid il-proċeduri ta' applikazzjoni għall-programmi għall-Ażja kollha, inkluż ir-rwol taddelegazzjoni, sabiex tassigura li dawn ma jkunux kumplessi inutilment, b'hekk tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet (paragrafi 70-71);

— testendi s-sistema ta' monitoraġġ ta' suċċess tal-proġetti għall-Ażja kollha għal proġetti oħra (paragrafu 72).

**INTRODUZZJONI**

***Sfond u deskrizzjoni tad-dominju***

1. L-Ażja tirrappreżenta 56 % tal-popolazzjoni tad-dinja, u 25 % tal-PGN tad-dinja. Ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' l-UE ma' l-Ażja huma ta' importanza kbira. L-Ażja hija attwalment it-tielet sieħeb l-aktar importanti ta' kummerċ ta' l-UE u r-raba' destinazzjoni l-aktar importanti għall-investiment tagħha. L-UE timporta 'il fuq minn 230 biljun euro mill-Ażja u tesporta 'l fuq minn 140 biljun lejn ir-reġjun (1).

2. Il-koperazzjoni ta' l-UE ma' l-Ażja bdiet fis-sena 1976, fl-istess żmien tal-koperazzjoni ma' l-Amerika Latina u l-pajjiżi tal-Mediterran. Sa l-2004, il-koperazzjoni ta' l-UE fl-Ażja kellha total ta' aktar minn 7 800 miljun euro, li żdiedet f'termini medji minn 50 miljun euro għal 400 miljun kull sena.

3. Il-koperazzjoni ekonomika ta' l-UE fl-Ażja hija regolata skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 (2). Dan jgħid li l-koperazzjoni ekonomika għandha sservi l-interessi komuni ta' l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha, tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-pajjiżi AAL (Ażja u l-pajjiżi ta' l-Amerika Latina) billi tgħinhom jibnu l-kapaċità istituzzjonali tagħhom sabiex iwaqqfu ambjent aktar favorevoli għall-investiment. Attenzjoni partikolari hija mogħtija biex jitkabbar ir-rwol tan-negozjanti, teknoloġija u t-tagħrif mill-Pajjiżi Membri ta' l-UE, partikolarment fis-settur privat u fl-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Il-koperazzjoni ekonomika għandha tliet miri ġenerali: titjib tal-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika; titjib ta' l-istruttura istituzzjonali; u appoġġ għall-impriżi permezz ta' promozzjoni ta' kummerċ, ta' taħriġ u skemi ta' għajnuna teknika. Ir-Regolament tal-Kunsill jenfasizza li l-koperazzjoni reġjonali hija element importanti tal-koperazzjoni ekonomika, inklużi politika reġjonali, kummerċ bejn ir-reġjuni u istituzzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika.

4. Il-Kummissjoni għandha żewġ linji/punti prinċipali tal-baġit (3) ikopru l-koperazzjoni fl-Ażja: koperazzjoni "finanzjarja u teknika" (B7-3 0 0/19 10 01); u "koperazzjoni politika, ekonomika u kulturali" (B7-3 0 1/19 10 02) (ara *Tabella 1* hawn taħt). Bejn l-2000 u l-2004 il-Kummissjoni impenjat 509 miljun euro taħt l-artikolu tal-baġit ta' l-aħħar. Fir-realtà l-ammonti impenjati għal attivitajiet ta' koperazzjoni ta' natura ekonomika huma attwalment ogħla għaliex ċerti proġetti ffinanzjati taħt il-linja ġenerali tal-baġit, B7-3 0 0, huma ta' natura ekonomika wkoll.

(1) *Sors:* Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Strateġija u Programm Indikattiv għall-Programmi multi-nazzjonalifl-Ażja 2005-2006, paġna 11 (Awwissu 2004).

(2) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-, u koperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Ażja u l-Amerika Latina (ĠU L 52, tas-27.2.1992, pġ. 1).

(3) Wara l-introduzzjoni tal-Ġestjoni bbażata fuq Attività (*Activity Based Management*) mill-Kummissjoni, ir-relazzjonijiet ma' l-Ażja huma issa miġbura taħt Attivita 19 10, separati f': 19 10 01 Koperazzjoni finanzjarja u teknika ma' pajjiżi Ażjatiċi li qed jiżviluppaw; 19 10 02 Koperazzjoni politika, ekonomika u kulturali ma' pajjiżi Ażjatiċi li qed jiżviluppaw; 19 10 03 Għajnuna għal nies sfrattati minn pajjiżhom f'pajjiżi Ażjatiċi; i 19 10 04 Operazzjonijiet ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Ażja; 19 10 06 Għajnuna għar-riabilitazzjoni u rikostruzzjoni ta' l-Afganistan.

*Tabella 1*

**Linji tal-Baġit**

| | Koperazzjoni finanzjarja u teknika ma' pajjiżi Ażjatiċi li qed jiżviluppaw | Koperazzjoni politika, ekonomika u kulturali ma' pajjiżi Ażjatiċi li qed jiżviluppaw | Total | Koperazzjoni politika, ekonomika u kulturali bħala % tat-total |
|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) = (1) + (2) | (2)/(3) |
| | B7-3 0 0/19 10 01 | B7-3 0 1/19 10 02 | | |
| | Approprjazzjonijiet impenjati | Approprjazzjonijiet impenjati | | |
| | Miljun euro | Miljun euro | Miljun euro | % |
| 2000 | 300,39 | 115,76 | 416,15 | 28 % |
| 2001 | 237,27 | 86,16 | 323,43 | 27 % |
| 2002 | 375,30 | 99,40 | 474,70 | 21 % |
| 2003 | 178,32 | 103,11 | 281,43 | 37 % |
| 2004 | 291,55 | 109,25 | 400,80 | 27 % |
| **Total** | **1 328,84** | **513,67** | **1 896,51** | **27 %** |

5. Taħt dan il-qafas ġenerali, il-koperazzjoni ekonomika ta' l-UE fl-Ażja hija implimentata b'modi differenti. Hemm proġetti bilaterali bejn il-Kummissjoni u pajjiżi benefiċjarji individwali (ara l-paragrafu 38); programmi reġjonali bejn il-Kummissjoni u reġjuni żgħar speċifiċi bħal ASEAN ([1]) u programmi mtella' fuq talbiet li jkopru l-Ażja kollha (ara l-paragrafu 50). Għal ta' l-aħħar, il-benefiċjarji jistgħu jkunu minn kwalunkwe pajjiż fl-Ażja, kif identifikati mir-Regolament ALA u għal din ir-raġuni huma msemmija bħala "programmi għall-Ażja kollha" tul dan ir-rapport.

6. Il-Qorti ta' l-Awdituri kkalkulat li l-proġetti bilaterali tal-koperazzjoni ekonomika fl-Ażja approvati għall-finanzjament bejn l-1995 u l-2002 ([2]) laħqu it-total ta' 343 miljun euro, (ara *Tabella 2*) bi proġetti ta' 37 miljun euro fir-reġjun ASEAN.

*Tabella 2*

**Parti mill-proġetti identifikati bħala kooperazzjoni ekonomika skond il-pajjiż**

| Pajjiż | Ammont (euro) | Persentaġġ |
|---|---|---|
| Bangladexx | 947 000 | 0,3 % |
| Bhutan | 1 000 000 | 0,3 % |
| Brunei | 1 973 400 | 0,6 % |
| Kambodja | 0 | 0,0 % |
| Ċina | 99 634 648 | 29,1 % |
| Indja | 60 354 119 | 17,6 % |
| Indoneżja | 7 990 016 | 2,3 % |
| Laos | 8 000 000 | 2,3 % |
| Malażja | 3 000 000 | 0,9 % |
| Burma | 0 | 0,0 % |
| Nepal | 15 000 000 | 4,4 % |
| Pakistan | 54 950 000 | 16,0 % |
| Filippini | 6 659 829 | 1,9 % |
| Singapor | 500 000 | 0,1 % |
| Sri Lanka | 3 315 700 | 1,0 % |
| Tajlandja | 8 674 000 | 2,5 % |
| Timor tal-Lvant | 0 | 0,0 % |
| Vjetnam | 70 811 380 | 20,7 % |
| **Total bilaterali** | **342 810 092** | **100,0 %** |
| **ASEAN** | 37 000 000 | |

*Sors:* Il-Qorti ta' l-Awdituri.

([1]) L-Assoċċjazzjoni tan-Nazzjonijiet Ażjatiċi tax-Xlokk. L-10 membri huma l-Indoneżja, il-Malażja, il-Filippini, Singapor, it-Tajlandja, il-Brunei, il-Vjetnam, il-Laos, Burma/Mjanmar u l-Kambodja.

([2]) Stmata minn *data* miġbura minn varjetà ta' sorsi inklużi *web-sites* tad-Delegazzjonijiet, dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż eċċ. Is-sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni mill-Kummissjoni, CRIS, ma jinkludux din l-informazzjoni.

7. Hemm ħames programmi differenti li jkopru l-Ażja kollha; it-tnejn li għandhom x'jaqsmu b'mod aktar espliċitu ma' koperazzjoni ekonomika huma *Asia Invest* u *Asia IT & C* (1). Sa ċertu punt l-*Asia ProEco,* — *Asia Link* u l-Programmi *Asia Urbs* ukoll isostnu l-koperazzjoni ekonomika.

8. **Il-programm *Asia Invest*** beda fl-1997 b'kontribuzzjoni mill-Kummissjoni (2) ta' 42 miljun euro fuq perjodu ta' ħames snin, u minn dakinhar daħal fit-tieni fażi ta' implimentazzjoni mill-2003 sa l-2007, b'kontribuzzjoni ta' 41 miljun euro. L-għan tal-proġetti finanzjati mill-programm huwa li jħeġġeġ koperazzjoni diretta għan-negozju bejn operaturi ekonomiċi fl-UE u fl-Ażja, b'fokus fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, u biex jagħtu sostenn lis-settur privat dinamiku fl-Ażja. Dan il-programm jinvolvi sħab kemm fl-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll fil-pajjiżi ta' l-Ażja.

9. **Il-programm *Asia IT & C*** ħadem mill-1999 sa l-2003 b'kontribuzzjoni mill-Kummissjoni ta' 35 miljun euro. It-tieni fażi kienet approvata fit-3 ta' Novembru 2003 għal sena oħra, b'kontribuzzjoni ta' 10 miljun euro. Il-mira ġenerali ta'l-*Asia IT & C* (3) hija li toħloq relazzjonijiet teknoloġiċi u ekonomiċi li huma wiesgħa, intensi u kontinwi bejn l-Ażja u l-Ewropa, fejn sħubija bilanċjata u innovazzjonijiet konġunti jistgħu jiżdiedu. Dan il-programm jinvolvi sħab kemm fil-Pajjizi Membri ta' l-UE kif ukoll fil-pajjiżi ta' l-Ażja.

***L-iskop u l-approċċ tal-verifika***

10. Fil-passat il-verifiki tal-Qorti kkonċentraw fuq koperazzjoni finanzjarja u teknika. Il-koperazzjoni sseħħ fl-isfond tal-kummerċ internazzjonali li qed jiżviluppa b'mod mgħaġġel. L-isfidi speċifiċi ta' ġestjoni li dawn iġibu magħhom, u r-riskji involuti, huma l-fokus tal-verifika tal-Qorti.

11. Il-verifika kopriet proġetti bilaterali, u ż-żewġ tipi ta' programmi reġjonali: dawk li jkopru l-Ażja kollha (programmi għall-Ażja kollha) u dawk li jkopru sub-reġjuni (programmi ASEAN), b'aktar attenzjoni fuq l-ewwel wieħed.

12. Il-mira ta' din il-verifika kienet li tevalwa l-ġestjoni tal-Kummissjoni ta' l-attivitajiet ta' koperazzjoni ekonomika fl-Ażja, billi teżamina:

— sa fejn il-Kummissjoni stabbiliet strateġija li twassal għall-użu l-aktar effettiv ta' l-għajnuna; u

— jekk il-Kummissjoni ġestitx l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna effettivament.

13. In-nefqa fuq il-proġetti individwali kienet ivverifikata fit-tliet pajjiżi benefiċjarji — l-Indja, il-Vjetnam u ċ-Ċina — li tirrappreżenta (ara *Tabella 2*) 67 % tal-proġetti bilaterali kollha, kif ukoll porzjoni sinifikanti tal-proġetti ta' l-Ażja (50 %, ara *Tabella 3*).

*Tabella 3*

**Parti mill-proġetti għall-asja kollha approvati skond il-pajjiż 2002**

| Pajjiż | *Asia Invest* (euro) | *Asia IT & C* (euro) | Total (euro) | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|
| Bangladexx | 0 | 319 872 | 319 872 | 1,1 % |
| Bhutan | 0 | 0 | 0 | 0,0 % |
| Brunei | 0 | 213 333 | 213 333 | 0,7 % |
| Kambodja | 0 | 754 701 | 754 701 | 2,5 % |
| Ċina | 3 185 288 | 4 136 074 | 7 321 361 | 24,4 % |
| India | 1 073 785 | 3 500 896 | 4 574 681 | 15,2 % |
| Indoneżja | 200 988 | 832 004 | 1 032 992 | 3,4 % |
| Laos | 0 | 200 000 | 200 000 | 0,7 % |
| Malażja | 200 975 | 1 269 066 | 1 470 041 | 4,9 % |
| Nepal | 120 000 | 263 267 | 383 267 | 1,3 % |
| Pakistan | 0 | 746 667 | 746 667 | 2,5 % |
| Filippini | 510 887 | 962 780 | 1 473 667 | 4,9 % |
| Singapor | 100 993 | 0 | 100 993 | 0,3 % |
| Sri Lanka | 283 686 | 1 544 453 | 1 828 139 | 6,1 % |
| Tajlandja | 333 887 | 4 786 280 | 5 120 167 | 17,1 % |
| Timor tal-Lvant | 0 | 400 000 | 400 000 | 1,3 % |
| Vjetnam | 1 648 135 | 2 419 158 | 4 067 293 | 13,6 % |
| **Total** | **7 658 624** | **22 348 552** | **30 007 175** | **100,0 %** |

*Sors:* Il-Qorti ta' l-Awdituri.

(1) Programmi oħra huma l-*Programm Asia Urbs*, li jippromovi *networking* u koperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali bejn l-UE u l-Ażja; il-*Programm Asia Link*, li jippromovi networking u skambji bejn universitajiet fiż-żewġ reġjuni; u l-*Programm Asia ProEco*, li jippromovi sħubija fil-qasam ta' l-ambjent.

(2) Dawn il-programmi huma ko-finanzjati sabiex il-valur veru tal-programm ikun għola.

(3) Kif speċifikata fil-Proposta ta' Finanzjament, approvata fit-18 ta' Ġunju 1998.

14. Il-kampjun tal-proġetti bilaterali għal verifika dettaljata kopra t-tipi differenti ta' programmi u proġetti dwar il-koperazzjoni ekonomika, filwaqt li ħalla l-kwistjonijiet prinċipali ta' ġestjoni biex ikunu identifikati. Il-kampjun kien fih l-aktar proġetti li għadhom għaddejjin, imma numru ta' proġetti lesti kienu verifikati wkoll (ara *Tabella 4*). 14-il proġett bilaterali kienu verifikati fid-dettall, li jirrappreżentaw 37 % ta' din it-tip ta' nefqa f'pajjiżi magħżula (ara *Tabella 5*). Mill-proġetti għall-Ażja kollha, 39 kienu verifikati fid-dettall, li jirrappreżentaw 25 % tal-valur totali tagħhom (ara *Tabella 6*). Il-lista kollha tal-proġetti *Asia Invest* u *Asia IT & C* verifikati tidher fit-*Tabella 7*.

*Tabella 4*

**Proġetti bilaterali u oħrajn reġjonali miżjura matul il-verifika**

| Numru tal-proġett | Isem tal-proġett | Ammont (euro) | Pożizzjoni fiż-żmien taż-żjara tal-verifika |
|---|---|---|---|
| **Proġetti bilaterali** | | | |
| **Indja** | | | |
| IND/EUAID/D/6/1997/0229 | *EU-India Maritime Transport Project* (Proġett tat-Trasport Marittimu UE-Indja) | 8 000 000 | Magħluq |
| IDD/RELEX/1997/0481 | *EU-India Civil Aviation Project* (Proġett ta' l-Avjazzjoni Ċivili UE-Ċina) | 18 000 000 | Għadu għaddej |
| IDD/RELEX/2001/0001 | *India Small Projects Facility* (Faċilità għal Proġetti Żgħar fl-Indja) | 4 200 000 | Għadu għaddej |
| IND/RELEX/2001/0009 | *European Business Information Centre (EBIC)* (Ċentru Ewropew t'Informazzjoni dwar in-Negozju) | 279 170 | Magħluq |
| IND/RELEX/1997/0120 | *EU India IPR* (Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali UE-Indja) | 950 000 | Mhux implimentat |
| | Total parzjali | 31 429 170 | |
| **Vjetnam** | | | |
| VNM/RELEX/H05/1997/0294 | *Multilateral Trade Policy Assistance (MUTRAP)* (Programm ta' Għajnuna fil-Politika tan-Negozju Multilaterali) | 3 100 000 | Għadu għaddej |
| VNM/RELEX/H01/2000/2242 | *EBIC Vietnam* (Ċentru Ewropew t'Informazzjoni dwar in-Negozju fil-Vjetnam) | 993 080 | Magħluq |
| VNM/RELEX/2001/0032 | *EC Vietnam in the Audio Visual Sector* (UE-Vjetnam fis-settur ta' l-Awdjoviżwali) | 950 000 | Għadu għaddej |
| | Total parzjali | 5 043 080 | |
| **Ċina** | | | |
| CHD/RELEX/1995/0111 | *EU-China Intellectual Property Rights Cooperation programme (IPR CHINA)* | 5 600 000 | Għadu għaddej |
| CHD/RELEX/1998/2202 | *WTO Framework programme for EU support to China's accession to the WTO (phase I)* (Programm ta' Qafas tal-WTO għas-sostenn ta' l-UE għall-adeżjoni taċ-Ċina fil-WTO (fażi I)) | 3 600 000 | Magħluq |
| CHD/RELEX/1999/2071 | *EU China Financial Services Cooperation Project* (Proġett ta' Kooperazzjoni ta' Servizzi Finanzjarji UE-Ċina) | 8 500 000 | Għadu għaddej |
| CHD/RELEX/2000/2018 | *EU China Enterprise Reform Project (ECERP)* (Proġett UE-Ċina tar-Riformi ta' l-Intrapriżi) | 8 500 000 | Għadu għaddej |
| CHD/RELEX/2000/2021 | *EU China Small Projects Facility* (Faċilita' ta' Proġetti Żgħar UE-Ċina) | 8 000 000 | Għadu għaddej |
| ASIE/CHD/2002/0418 | *EU China WTO Project (phase II)* (Proġett tal-WTO UE-Ċina (fażi II)) | 15 000 000 | Għadu għaddej |
| | Total parzjali | 49 200 000 | |
| **Proġetti reġjonali** | | | |
| ASIE/1998/004-949 (KE) | *EU-ASEAN Intellectual Property Rights Co-operation Programme (Ph II)* (Programm ta' Kooperazzjoni tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali UE-ASEAN (Fażi II)) | 5 000 000 | Għadu għaddej |
| ASIE/1996/004-641 (KE) | *EU-ASEAN Regional Co-operation Programme on Standards and Quality* ([1]) (Programm ta' Kooperazzjoni Reġjonali UE-ASEAN dwar Standards u Kwalita') | 9 000 000 | Qed jiġi preparat |
| ALA 94/15 | *ASEAN-EC COGEN programme Ph III* ([1]) (Programm Fażi III COGEN ASEAN-UE) | 5 000 000 | Għadu għaddej |
| | Total parzjali | 19 000 000 | |
| **ASEM Trust Fund** | | | |
| TF 051 834 | *Monitoring of State Owned Enterprises, New Establishment and Transformation* (Monitoraġġ ta' l-Intrapriżi tal-Gvern, Stabbilimenti ġodda u Trasformazzjoni) | 400 000 USD | Għadu għaddej |
| TF 052 334 | *Study on Public Service Unit Reform* (Studju fuq l-Unità tas-Servizz Pubbliku) | 600 000 USD | Għadu għaddej |
| | Total parzjali | 1 000 000 USD | |

([1]) Ikkunsidrat fl-studju preliminari biss.

*Sors:* Il-Qorti ta' l-Awdituri.

*Tabella 5*

**Proġetti bilaterali verifikati mqabbla man-numru totali ta' proġetti**

| | Numru ta' proġetti ta' natura ta' żvilupp ekonomiku fil-pajjiż | Ammont tal-proġetti ta' natura ta' żvilupp ekonomiku fil-pajjiż (euro) | Numru ta' proġetti miżjura | Ammont tal-proġetti miżjura (euro) |
|---|---|---|---|---|
| Indja | 18 | 60 354 119 | 5 | 31 429 170 |
| Vjetnam | 21 | 70 811 380 | 3 | 5 043 080 |
| Ċina | 23 | 99 634 648 | 6 | 49 200 000 |
| **Total** | **62** | **230 800 147** | **14** | **85 672 250** |

*Sors:* Il-Qorti ta' l-Awdituri.

*Tabella 6*

**Proġetti għall-Ażja kollha verifikati mqabbla man-numru totali ta' proġetti**

| | *Asia Invest* [1] (proġetti finanzjati li bdew fl-1999 sa l-2002) | | | | *Asia IT & C* (proġetti finanzjati mill-2000 sa l-2003) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pajjiż | Numru totali ta' proġetti | Ammont (euro) | Numru ta' proġetti verifikati | Ammont ta' proġetti verifikati (euro) | Numru totali ta' proġetti | Ammont (euro) | Numru ta' proġetti verifikati | Ammont ta' proġetti verifikati (euro) |
| Indja | 13 | 1 073 785 | 3 | 200 143 | 19 | 3 500 896 | 4 | 975 597 |
| Vjetnam | 22 | 1 648 134 | 7 | 662 326 | 11 | 2 419 158 | 3 | 595 000 |
| Ċina | 39 | 3 185 288 | 5 | 982 652 | 14 | 4 136 073 | 4 | 1 387 370 |
| Renju Unit | 9 | 594 388 | 2 | 131 242 | 26 | 6 921 111 | 3 | 1 000 000 |
| Franza | 5 | 287 276 | 2 | 101 314 | 18 | 4 973 774 | 6 | 1 214 968 |
| **Total** | **88** | **6 788 871** | **19** | **2 077 677** | **88** | **21 951 012** | **20** | **5 172 935** |

([1]) *Asia Invest:* il-proġetti tal-komponenti ta' l-Intrapriża Ażja ma ttiehdux in konsiderazzjoni.

*Sors:* Il-Qorti ta' l-Awdituri.

*Tabella 7*

**Programmi għall-asja kollha**

| Numru tal-proġett | Isem tal-proġett | Ammont (euro) | Pożizzjoni fiż-żmien taż-żjara tal-verifika |
|---|---|---|---|
| | ***Asia Invest*** | | |
| 108 55 | ISO 9000 for the Association of Electronics and Information Technology Enterprises of Ho Chi Minh City | 83 001 | Magħluq |
| 108 69 | Training Vietnamese trainers and executives in quality management | 104 200 | Magħluq |
| 108 77 | Sustainable development of the Vietnamese shoe industry | 86 954 | Magħluq |
| 108 86 | HACCP Implementation in the Indian Food Industry | 120 000 | Magħluq |
| 108 88 | Preparation of Indian SMEs for EU Certification | 21 343 | Magħluq |
| 108 101 | Capacity for Business | 59 369 | Magħluq |
| 108 135 | Training on good manufacturing practices — HACCP methods and foodstuffs related EU legislation | 102 705 | Għadu għaddej |
| 108 138 | Quality management in the graphic media industry | 120 000 | Magħluq |
| 108 144 | Introduction of Non-Destructive Testing in Welding to Vietnam | 98 171 | Għadu għaddej |
| 108 149 | Introducing Environmental Management Plan and Practices for Hotels and Resorts in Vietnam | 118 076 | Magħluq |
| 108 150 | Strengthening the Capacity in Engineering Consultancy Services of Vietnam | 99 755 | Magħluq |
| 108 151 | Master of e-management | 112 555 | Għadu għaddej |
| 108 153 | Optimised Design and Operation for Sino-Euro Municipal Wastewater Treatment Facilities | 65 689 | Magħluq |
| 108 157 | Language and Business Familiarisation in the Textile and Clothing sector | 58 800 | Magħluq |
| 108 166 | Chinese IT Market | 87 657 | Għadu għaddej |
| 108 175 | China Business Familiarisation Seminars for Multipliers in the UK | 31 487 | Magħluq |
| 108 176 | Train Rhône Alpes SMEs for Asia | 54 629 | Għadu għaddej |
| 108 184 | From Cleaner Production to One Corporate Responsibility — A One Year Competitiveness Training Programme for China's Textiles Enterprises | 105 674 | Magħluq |
| 108 185 | Modern Management Methods for Chinese Suppliers in the Automotive Industry | 97 258 | Magħluq |
| | ***Asia IT & C*** | | |
| 01 01 | European Masters in Modelisation of Continuum | 200 000 | Għadu għaddej |
| 01 06 | Sharing Capability in Localisation and Human Language Technologies | 200 000 | Għadu għaddej |
| 02 26 | CCI Networking and e commerce awareness | 184 730 | Magħluq |
| 12 03 | Transfer of European Level graduate IT Courses | 200 000 | Għadu għaddej |
| 12 05 | MIPAA Multi Media Platform for Appropriate Architecture | 189 000 | Magħluq |
| 12 14 | IT & C skills for efficient micro finance sector in South Asia | 400 000 | Għadu għaddej |
| 21 06 | Developing web based teaching packages for building professionals | 196 734 | Għadu għaddej |
| 21 13 | Promoting Internet Policy and Regulatory Reform in Vietnam | 200 000 | Għadu għaddej |
| 22 02 | e Business Solutions for marketing intelligence in textile sector | 198 418 | Magħluq |
| 22 11 | Promoting Information and Regulatory dialogue in China | 200 000 | Ikkanċellat |
| 22 14 | Indo European System Usability Partnership | 199 944 | Għadu għaddej |
| 22 29 | Information technology and Communications for natural disasters warnings and mitigation | 200 000 | Għadu għaddej |
| 23 11 | SPIN ASIA Spintronic Innovative Technologies for Asia | 400 000 | Għadu għaddej |
| 23 18 | Transfer of IT & C skills for micro finance sector in China | 400 000 | Għadu għaddej |
| 23 19 | WEBPOT Web based optimisation tools for research | 533 822 | Għadu għaddej |
| 23 20 | GENNERE Generic Epidemiological network in Nephrology | 400 000 | Għadu għaddej |
| 23 50 | E3 Toolbox | 195 552 | Għadu għaddej |
| 23 58 | EDECAD Education and e Commerce task force for small firms | 377 235 | Għadu għaddej |
| 23 60 | Casa Asia Virtual | 200 000 | Magħluq |
| 23 67 | ELVIS E learning with Virtual Interactive Synthetic characters | 387 370 | Għadu għaddej |

*Sors:* Il-Qorti ta' l -Awdituri.

15. Il-verifika tal-Qorti inkludiet ukoll żjarat lill-Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Proġetti (PMOs), u sħab Ewropej fil-Ġermanja, Spanja, Franza u r-Renju Unit u sħab Ażjatiċi u l-PMOs fl-Indja, il-Vjetnam u ċ-Ċina. Missjoni preliminari twettqet ukoll fit-Tajlanda.

**OSSERVAZZJONIJIET**

***Hemm strateġija effettiva għal koperazzjoni ekonomika fl-Ażja?***

16. Il-Qorti eżaminat sa fejn il-Kummissjoni stabbiliet strateġija li twassal għall-użu l-aktar effettiva tan-nefqa għall-koperazzjoni ekonomika. Din involviet li jiġi determinat jekk strateġija ċara kienitx stabbilita, tivvaluta sa fejn din ser twassal għal użu effettiv ta' l-għajnuna, u tiġġudika l-applikazzjoni tagħha fil-prattika.

17. Strateġija tista' tkun distinta bejn politika ta' strateġija — li tirriżulta f'deċiżjoni li tagħti appoġġ lil settur jew suġġett magħżul — u strateġija operattiva, li tistabbilixxi kif il-politika ta' strateġija għandha titpoġġa fil-prattika. F'dan il-każ, ir-riżultat tad-deċiżjoni li ssostni l-koperazzjoni ekonomika fl-Ażja kienet inkluża fir-Regolament AAL tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 (li jkopri l-għajnuna kollha għall-iżvilupp fl-Ażja u l-Amerika Latina). Dan jistabbilixxi l-miri prinċipali u jipprovdi lista tas-setturi fuq liema l-flus għandhom jintnefqu. L-iskop ta' strateġija operattiva huwa li jiġi stabbilit kif dawn il-miri għandhom jintlaħqu, u tipprovdi direzzjoni u fokus għan-nefqa.

**Strateġija wiesgħa, fid-dawl ta' sfond li qed jinbidel malajr …**

18. Il-kunċett ta' koperazzjoni ekonomika kien formalizzat mir-regolament AAL (ara l-paragrafu 3). L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-mira li tingħata għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw "jibnu l-kapaċità istituzzjonali tagħhom biex jinħoloq ambjent iktar favorevoli għall-investiment u l-iżvilupp (…) tagħmel l-iżjed possibli mill-prospetti li jinfetħu bit-tkabbir tal-kummerċ internazzjonali, inkluż is-suq uniku Ewropew." Il-Pajjizi Membri huma wkoll mistennija li jibbenefikaw billi "…żżid ir-rwol tan-negozjanti, teknoloġija u t-tagħrif mill-Pajjiżi Membri kollha, partikolarment fis-settur privat u fl-impriżi żgħar u ta' daqs medju". Dawn huma miri wiesgħa fi sfond immexxi minn suq li qed jiżviluppa b'mod mgħaġġel, dominat b'żieda fin-negozju internazzjonali. L-inklużjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tal-Pajjiżi Membri ta' l-UE bħala sħab ikabbar l-iskop ta' l-għajnuna, li jsaħħaħ il-bżonn għall-iffukar bi ħsieb.

19. L-Artikolu 8 jistabbilixxi t-tlett setturi fejn l-għajnuna ser tintefaq. L-ewwel hija, "titjib tal-potenzjal xjentifiku u teknoloġiku u ta' l-ambjent ekonomiku, soċjali u kulturali in ġenerali permezz ta' skemi ta' taħriġ u t-trasferiment ta' tagħrif", li huwa"… direttata prinċipalment għall-eżekuttivi, nies li jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi u għandha tkopri kull qasam ekonomiku, tekniku, u xjentifiku..". It-tieni settur huwa "titjib ta' l-istruttura istituzzjonali … biex tinħoloq klima ekonomika, leġiżlattiva, amministrattiva u soċjali li tikkontribwixxi iżjed għall-iżvilupp". It-tielet hija "appoġġ għall-impriżi permezz tal-promozzjoni tal-kummerċ, it-taħriġ u skemi ta' għajununa teknika … .billi tistabbilixxi kuntatti bejn impriżi u skemi biex tiffaċilita koperazzjoni bejniethom".

20. Il-miri ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament AAL huma ta' natura globali u b'sensiela estremament wiesgħa, kif ukoll numru għoli ta' benefiċjarji potenzjali u proġetti. Għalhekk, mingħajr mira speċifika fil-qafas ta' l-għajnuna fi strateġija ta' implimentazzjoni approprjata, hemm ir-riskju li l-progress u l-impatt ġenerali tan-nefqa ma jistax jitkejjel, u b'hekk m'hemmx bażi li tiġi assigurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi ta' l-UE. Barra minn hekk, l-Ażja hija reġjun enormi — li tinkludi tlieta minn ħames pajjiżi l-aktar popolati tad-dinja, u r-raba' l-akbar ekonomija tagħha — li qed tiżviluppa b'mod mgħaġġel kemm f'termini ekonomiċi u dawk ta' żvilupp ġenerali.

21. L-istrateġija ġenerali tal-Kummissjoni lejn l-Ażja hija stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill tas-sena 1994 "Lejn strateġija ġdida Ażjatika ([1])", aġġornata fl-2001 fil-Komunikazzjoni "Qafas strateġiku biex Jissaħħu r-Relazzjonijiet ta' Sħubija Ewropa-Ażja ([2])".

22. Il-Komunikazzjoni ta' l-1994 tagħraf il-bidliet radikali u t-tkabbir mistenni tar-reġjun Ażjatiku, u li għalhekk l-Unjoni għandha bżonn urġentament issaħħaħ il-preżenza ekonomika tagħha fl-Ażja sabiex iżżomm ir-rwol prinċipali tagħha fid-dinja ekonomika…u tassigura li l-interessi tagħha jittieħdu in konsiderazzjoni b'mod sħiħ hemmhekk. Is-suċċess ta' l-Ewropa jiddependi l-biċċa l-kbira fuq deċiżjonijiet meħuda mis-settur privat, bl-irwol ta' l-Unjoni biex tegħleb xkiel għas-suq u investiment Ewropej billi jinkoraġixxi ambjent regolatorju favorevoli għan-negozju fl-Ażja. Dan jeħtieġ aktar strateġiji li jheġġu l-attività għal perjodu twil: b'aktar enfasi u użu aktar iffukat ta' koperazzjoni ekonomika sabiex tippromovi kummerċ u investiment Ewropew. Għalhekk l-enfasi hija fuq il-protezzjoni ta'l-influwenza ta'l-UE, u l-opportunitajiet tas-suq għall-kumpaniji Ewropej, filwaqt li jiġu żviluppati l-ekonomiji tal-pajjiżi benefiċjarji Ażjatiċi.

([1]) KUMM(94) 314 finali, tat-13 ta' Lulju 1994.

([2]) KUMM(2001) 469 finali, ta' l-4 ta' Settembru 2001.

23. In-natura speċifika tal-koperazzjoni ekonomika hija rikonoxxuta mill-Komunikazzjoni, u deskritta bħala li ttejjeb in-negozju u l-ambjent regolatorju fil-pajjiżi msieħba sabiex tistimula s-suq u l-investiment fuq iż-żewġ naħat b'parteċipazzjoni diretta tas-settur privat għall-benefiċċju kemm ta' l-Unjoni kif ukoll tal-Pajjiż imsieħeb. Għalhekk, il-koperazzjoni ekonomika hija ta' natura kwalitattiva differenti mill-koperazzjoni finanzjarja u teknika li tifforma l-parti l-kbira tan-nefqa ta' l-UE fil-qasam ta' l-azzjonijiet esterni. Għalhekk teħtieġ attenzjoni speċifika biex tirrifletti n-natura u l-karatteristiċi speċjali ta' l-għajnuna. Dan ma kienx evidenti fid-dokumenti strateġiċi.

24. Il-Komunikazzjoni tas-sena 2001 taġġorna dik tas-sena 1994, bl-iskop li tiffissa qafas ta' strateġija komprensiva għar-relazzjonijiet tagħna ma' l-Ażja u r-sub-reġjuni tagħha fl-għaxar snin ġejjin. Fil-każ tal-koperazzjoni ekonomika, il-mira prinċipali hija definita bħala li ssaħħaħ il-preżenza politika u ekonomika ta' l-UE tul ir-reġjun … billi issaħħaħ aktar il-kummerċ bejniethom u ċ-ċirkolazzjoni tal-benefiċċji mar-reġjun. Għal darba oħra, il-fokus huwa fuq il-benefiċċji għall-UE, kif ukoll il-miri ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji.

25. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi r-riżorsi limitati disponibbli, u tgħid li l-Kummissjoni għandha tiffukhom fuq numru inqas ta' attivitajiet eħfef immirati għall- prijoritajiet prinċipali … u tassigura li dawn l-attivitajiet huma implimentati b'heffa u effettivament. Is-suċċess ta' l-għajnuna fuq il-bażi ta' ċerti indikaturi sempliċi (jekk għall-aktar parti kwalittattivi) … bħall-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet tas-suq u investiment ta' l-UE ma' l-Ażja. Il-Qorti ma sabet l-ebda evidenza ta' l-għajnuna li kienet immirata lejn numru żgħir ta' prijoritajiet prinċipali (ara l-paragrafu 35), u l-indikaturi ta' impatt u tar-riżultat sa minn meta twaqqfu mill-Kummissjoni huma bbażati fuq il-proċess aktar milli fuq ir-riżultat (ara l-paragrafi 32-33).

26. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-għajnuna ekonomika għandha tkun "modulari", jiġifieri mmirata speċifikament għaċ-ċirkostanzi u bżonnijiet tal-pajjiżi individwali. Għalhekk, id-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż (CSP), li huma maħsuba li jkopru l-bżonnijiet ta' żvilupp kollha, għandhom jistabbilixxu l-istrateġija speċifika ta' koperazzjoni ekonomika. Fil-prattika dan ma kienx il-każ: l-aspett ekonomiku tal-CPSs tat-tlett pajjiżi verifikati fid-dettall — l-Indja, il-Vjetnam u ċ-Ċina — kien inadegwatament distint mill-kwistjoniet ta' żvilupp ġenerali, insuffiċjenti fid-dettal u kontenut, u għalhekk ma provdiex strateġija prattika sabiex torjenta l-għajnuna.

27. Il-Kummissjoni tenfasizza fil-Komunikazzjonijiet tagħha l-bżonn għal dimensjoni reġjonali fil-proġetti biex tippromovi koperazzjoni reġjonali. Għalkemm, mhuwiex mistenni minnatura tagħhom li l-proġetti bilaterali għandu jkollhom fokus reġjonali, fil-prattika, ftit minnhom kienu hekk. Għall-proġetti individwali għall-Ażja kollha, u l-programmi fit-totalità tagħhom, dan ħafna drabi ma kienx il-każ.

**… miri u indikaturi inadegwati fid-dikjarazzjoni ta' attività …**

28. Sa mill-2001, il-Kummissjoni kienet progressivament qed tintroduċi l-approċċ ta' ġestjoni tagħha — Ġestjoni bbażata fuq Attività (ABM) — maħsuba biex ittejjeb il-mod kif ir-riżorsi huma mogħtija prijorità, użati u rappurtati dwarhom. L-ABM hija l-mod kif il-Kummissjoni tpoġġi l-istrateġija operattiva tagħha fil-prattika. Baġit ibbażat fuq Attività (ABB) huwa l-komponent tal-baġit ta' l-ABM. Il-baġit ta' l-2004 kien l-ewwel li kien adottat wara l-approċċ ABB. L-allokazzjoni ta' riżorsi għandha tkun konsisteni mal-prijoritajiet politiċi, u l-ġestjoni ta' riżorsi konsistenti ma' miri determinati minn qabel. Fl-istruttura tal-baġit ir-"relazzjonijiet ma' l-Ażja" huma definiti bħala attività distinta (kapitolu tal-baġit 19.10), u "Koperazzjoni politika, ekonomika u kulturali ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' l-Ażja" huwa l-artikolu tal-baġit (minn ħamsa) li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni ekonomika.

29. Għal kull eżerċizzju tal-baġit dikjarazzjoni ta' attività hija ppreparata biex tagħti appoġġ u tiġġustifika l-approprjazzjonijiet tal-baġit mitluba, tniżżel il-miri speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultati u ta' l-impatt. Fil-każ ta' l-Abbozz Preliminari tal-Baġit għas-sena 2004, id-dikjarazzjonijiet ta' attività kienu ppubblikati kmieni fl-2004 ([1]). Il-Qorti eżaminat id-dikjarazzjoni ta' attività għar-relazzjonijiet ma' l-Ażja fir-rigward ta' attivitajiet ta' koperazzjoni ekonomika u vvalutat il-loġika u koerenza tagħha, ir-relevanza tal-miri u l-utilità ta' l-indikaturi.

30. Parti 3 tad-dikjarazzjoni ta' attività tistabbilixxi l-miri l-aktar importanti ta' l-attività kif stabbilita fil-Komunikazzjoni 2001- biex issaħħaħ il-preżenza politika u ekonomika ta' l-UE tul ir-reġjun … — flimkien ma' sitt prijoritajiet. Il-prijorità li tirrigwardja l-koperazzjoni ekonomika hija li ssaħħaħ is-suq komuni u ċ-ċirkolazzjoni ta' l-investiment mar-reġjun.

([1]) Id-dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni ta' Mejju 2004 li huwa meħmuż ma' l-Abbozz Preliminari tal-Baġit Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-sena Finanzjarja 2005.

31. Parti 4 tad-dikjarazzjoni ta' attività tistabbilixxi miri speċifiċi, indikaturi, riżultati tal-proġett u riżultati ta' l-attività. Din tifforma l-bażi operattiva għall-immirar, monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tan-nefqa ta' l-UE, b'hekk tassigura ġestjoni finanzjarja soda. Il-koperazzjoni ekonomika mhiex mira ta' l-ABM, imma hija inkluża fir-raba'mira: Fil-kuntest tal-qafas politiċi miftehma, biex issaħħaħ djalogu u koperazzjoni ma' sħab Ażjatiċi fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u kulturali. Din hija ddikjarata bħala relatata mal-mira strateġika biex tippromovi l-iżvilupp sostenibbli, ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li la jirriflettu l-mira l-aktar importanti, lanqas il-prijoritajiet relatati (ara l-paragrafu ta' qabel).

32. Indikatur ta' impatt wieħed biss huwa provdut: Dikjarazzjonijiet konġunti, pożizzjonijiet u aġendi komuni fuq kwistjonijiet ta' livell internazzjonali importanti, politiċi u ekonomiċi li jirriżultaw minn laqgħat fuq livell ministerjali u ta' Summit ta' l-ASEM fis-sena 2004 [1]. Filwaqt li din issegwi b'mod wiesgħa l-miri ABM, ma tkejjilx l-impatt ta' l-għajnuna, li ħafna minnu huwa minfuq fuq proġetti żgħar, lanqas il-prijorità prinċipali tal-kummerċ komuni u ċ-ċirkolazzjoni ta' investiment (skond in-natura tagħha hija kemm objettiva u tista' tiġi mkejla).

33. L-indikaturi tal-produzzjoni, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2004 (li minnhom hemm disgħa), il-biċċa l-kbira jkopru parteċipazzjoni fil-laqgħat jew kumitati, li jistgħu jirriflettu l-ħsibijiet politiċi u azzjoni importanti, imma wkoll mhumiex il-mira jew l-għan prinċipali tan-nefqa. Barra minn dan, l-indikaturi jikkonċernaw l-aktar il-proċess — laqgħa fis-seħħ — aktar milli l-produzzjoni tiegħu — ir-riżultati mistennija.

### … twassal għal varjetà wiesgħa ta' proġetti u programmi li l-eżekuzzjoni tagħhom hija diffiċli biex titkejjel

34. In-nuqqas ta' strateġiji operattivi speċifiċi kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fil-livell tal-pajjiż speċifiku irriżultaw fil-prattika f'sensiela wiesgħa ħafna u varjetà ta' proġetti fuq żona ġeografika wiesgħa (ara l-paragrafi 39 u 50). In-nuqqas ta' immirar, fl-isfond ta' l-ekonomiji kbar li qed jikbru ta' l-Ażja, il-kummerċ internazzjonali li qed jiżdied u investiment sinifikanti barra mill-pajjiż ta' l-Ażja, ifisser li l-impatt ġenerali ta' l-għajnuna huwa diffiċli biex jitkejjel jew jiġi ġestit b'mod attiv. Għalhekk, hemm biss bażi limitata li tivvaluta l-effettività tan-nefqa, jew jekk il-valur għall-flus intlaħaqtx.

[1] Komplut mit-Tisħiħ ta' l-approċċ multilaterali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-Ażja, ir-regolament ekonomiku globali (jiġifieri WTO u r-regolament finanzjarju globali) u l-inklużjoni ta' dimensjoni kulturali).

35. Strateġija operattiva inadegwata u inkonsistenti tirriżulta minħabba n-natura speċifika ħafna tal-koperazzjoni ekonomika, li hija maħsuba biex tibbenefika sħab ta' l-UE bl-istess mod bħal dawk fl-Ażja. Tassew, il-mira prinċipali tat-tisħiħ tal-kummerċ u ċ-ċirkolazzjoni ta' investiment tistrieħ ħafna fuq inizjattivi politiċi, bħal permezz ta' negozjar fuq bażi bilaterali jew multilaterali (e.ż. l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ). Fil-prattika, l-użu ta' qafas ta' għajnuna għall-iżvilupp immirat madwar proġetti żgħar f'pajjiżi sinjuri li qed jiżdiedu fil-ġid (meta mqabbla mal-proġetti bilaterali akbar) għandha ftit impatt li jista' jitkejjel fuq li jintlaħqu l-miri ġenerali. Barra minn hekk, id-dinja kummerċjali tal-merkanzija u servizzi bl-IT li qed jevolvu b'mod mgħaġġel, ma tistax tkun ikkunsidrata b'mod effettiv permezz tal-proċeduri tradizzjonali u relattivament twal tal-preparazzjoni, approvazzjoni u implimentazzjoni tal-proġett użati għall-għajnuna għall-iżvilupp.

### *Il-Kummissjoni ġestit l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni ekonomika effettivament?*

36. Sabiex tikkonkludi fuq din il-mira ta' verifika, il-Qorti eżaminat sa fejn il-ġestjoni tal-Kummissjoni:

— waqqfet proċedura ta' applikazzjoni li tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-applikazzjonijiet;

— tassigura li l-proġetti huma deċiżi u implimentati fil-ħin;

— timmonitorja l-proġetti regolarment u tieħu azzjoni korrettiva fil-ħin;

— tassigura li l-proġetti jipproduċu riżultati reali b'impatt pożittiv u huma sostenibbli;

— u tieħu r-responsabbilità li tagħmel valutazzjonijiet approprjati.

37. Attivitajiet ta' koperazzjoni ekonomika jikkonsistu f'żewġ approċċi differenti ta' implimentazzjoni: proġetti bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi imsieħba, u programmi għall-Ażja kollha (ara l-paragrafi 38 u 50). Minħabba n-natura differenti tagħhom, u xi drabi l-kwistjonijiet speċifiċi involuti, ir-rapport jirrappreżenta s-sejbiet tiegħu fuq iż-żewġ approċċi separatament.

### Proġetti Bilaterali

38. Għall-proġetti bilaterali Ftehim ta' Finanzjament huwa konkluż bejn il-Kummissjoni u l-gvern benifiċjarju. Qabel l-introduzzjoni tar-Regolament Finanzjarju kurrenti, il-proġetti kienu normalment implimentati minn Organizzazzjoni għall-Ġestjoni tal-Proġett (PMO), ħafna drabi mmexxija kemm minn ko-diretturi Ewropej kif ukoll Ażjatiċi.

***Kaxxa 1 — Eżempji ta' proġetti u l-miri tagħhom***

*1. Fl-Indja kien hemm proġett għall-avjazzjoni ċivili. Il-miri ġenerali kienu li jtejbu s-sigurtà ta' l-avjazzjoni u biex jiffaċilitaw il-kuntatt ta' negozju bejn kumpaniji ta' l-UE u Indjani. Proġett ieħor kien dwar il-Faċilità għal Proġetti Żgħar b'mira ġenerali li jingħata appoġġ lill-proċess ta' riforma kontinwa ta' l-ekonomija ta' l-Indja u s-sistema ta' tmexxija bi żvolġiment imtejjeb tas-sħab minn soċjetà ċivili.*

*2. Fil-Vjetnam l-akbar proġett bilaterali kien Multilateral Trade Policy Assistance (MUTRAP) (Programm ta' Għajnuna fil-Politika tan-Negozju Multilaterali). Il-miri ġenerali kienu jagħtu appoġġ it-transizzjoni tal-Vjetnam għall-ekonomija tas-suq u li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tiegħu fil-qafas ekonomiku reġjonali u globali u tal-kummerċ.*

*3. Fiċ-Ċina kien hemm proġett (ECERP) għar-riforma ta' l-intrapriża, bil-mira speċifika li iżżied il-kontribuzzjoni tas-settur SME għall-ġid provenċjali u ta' l-impjieg. Proġett ieħor kellu l-mira ġenerali tiegħu li jikkontribwixxi għal settur finanzjarju tajjeb, trasparenti u effiċjenti, li jsaħħaħ il-kummerċ komuni u ċ-ċirkolazzjoni ta' investiment mar-reġjun u jikkontribwixxi għat-tixrid ta' demokrazija, tmexxija tajba u r-regola tad-dritt.*

39. Fil-pajjiżi verifikati kien hemm varjetà ta' proġetti bilaterali ta' koperazjoni ekonomika (ara *Tabella* 4 għal dettalji kompleti) bl-ebda fokus fuq settur jew tema partikolari. F'ħafna każijiet il-proġetti kienu allokati biss fondi relattivament limitati biex jindirizzaw għanijiet ta' sfida f' pajjiżi estremament kbar u popolati. Ġeneralment, il-proġetti taw l-opportunità għal djalogu kontinwu fuq il-koperazzjoni ekonomika imma l-impatt tal-proġetti innifshom kien f'ħafna każijiet mhux sinifikanti s'issa (ara l-paragrafu 44).

*Dewmien fl-approvazzjoni u t-twaqqif tal-proġetti*

40. Fid-dinja, li qed tiżviluppa b'mod mgħaġġel, ta' koperazzjoni ekonomika ma' l-Ażja, huma imperattiv li l-proġetti jkunu pjanati, approvati u implimentati fl-iqsar żmien possibli. Dewmien mhux neċessarju jwassal għar-riskju li l-proġetti ma jkunux meħtieġa aktar, jew għall-bżonn li jiġu formulati b'mod sinifikanti, ikun hemm bidla fis-suppożizzjonijiet ta' l-ispejjeż ta' bażi u l-impenji ta' baġit ikunu marbuta b'mod mhux neċessarju. Ir-riżultat huwa li l-proċess isir aktar diffiċli u jqum il-flus biex jiġi ġestiet, u l-proġetti jkunu inqas effettivi.

41. Proġetti bilaterali huma identifikati fuq bażi ta' każ b'każ, milli permezz ta' proċedura standarizzata ta' applikazzjoni ([1]). Minħabba n-natura tal-proċessi l-ħin meħud bejn l-identifikazzjoni ta' proġett u li l-proġett jibda' l-implimentazzjoni jista' jkun sinifikanti. Il-verifika eżaminat sa fejn il-proġetti kienu soġġetti għal dewmien mhux neċessarju.

42. Il-proġetti kollha verifikati soffrew minn dewmien twil qabel l-implimentazzjoni għal raġunijiet varji: organizzazzjonijiet mill-ġdid u bidliet tal-persunal fis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni fi Brussel, konfużjoni bejn is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tagħha fuq responsabbilitajiet wara d-devoluzzjoni, proċeduri kumplessi, problemi bl-istrutturi magħżula għall-proġetti, u diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' esperti ta' l-UE kwalifikati b'mod xieraq u bl-esperjenza.

***Kaxxa 2 — Dewmien qabel l-implimentazzjoni***

*1. Għall-proġett ta' l-Avjazzjoni Ċivili fl-Indja fil-bidunett kien hemm Memorandum ta' Ftehim (MoU) iffirmat mal-Gvern ta' l-Indja (GOI). Imbagħad kien hemm dewmien ta' sena u nofs wara li l-GOI ta l-approvazzjoni tiegħu, filwaqt li l-Kummissjoni ssostitwiet l-MoU ma' Ftehim ta' Finanzjament, għax dan ħa aktar ħin għall-Ministeru ta' l-Avjazzjoni Ċivili biex jifhem u jagħraf il-bidla. Il-proġett kien imtella' fl-1997 imma l-Ftehim ta' Finanzjament ma kienx iffirmat mill-partijiet kollha sa tard is-sena 2000. It-Termini ta' Referenza oriġinali kienu jeħtieġu li jiġu aġġornatit biex jirriflettu bidliet fl-ambjent ta' l-industrija. Konsegwentement, l-implimentazzjoni bdiet biss fi Frar tas-sena 2001.*

*2. Il-proġetti kollha taċ-Ċentru Ewropew t'Informazzjoni dwar in-Negozju (EBIC) fl-Ażja soffrew minn dewmien kbir qabel bdew. Li tinġieb approvazzjoni mill-Kumitat AAL involviet negozjar fit-tul, għax ir-rappreżentanti tal-Pajjizi Membri kellhom dubji fuq ir-rwol tal-EBICs meta mqabbel mas-sezzjonijiet kummerċjali ta' l-ambaxxati nazzjonali tagħha. Kemm fl-Indja kif ukoll fil-Vjetnam kien hemm aktar dewmien filwaqt li problemi fuq l-istatus legali ta' l-EBIC kienu solvuti.*

*3. Fil-każ tal-Faċilità għal Proġetti Żgħar fiċ-Ċina, il-Ftehim ta' Finanzjament kien iffirmat f'Marzu 2001, il-kuntratt tal-Ko-Direttur Ewropew daħal fis-seħħ f'Ġunju 2003 u l-ewwel sejħa għal proposta saret f'Novembru 2003. Ir-raġuni prinċipali għad-dewmien kienet il-problemi fir-reklutaġġ tal-Ko-Direttur Ewropew minħabba li kellu jintuża qafas ta' kuntratt insodisfaċenti.*

---

([1]) Teoretikament, żoni ta' intervent ta' prijorità huma identifikati permezz ta' proċess tad-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiżflimkien mal-pajjiż imsieħba. Meta żona tkun identifikata l-Kummissjoni tqabbad kuntratturi biex iwettqu studju ta' probabilità, b'riżultat ta' tali proposta finanzjarja tkun ippreparata li tipproponi proġetti u kif għandu jkun imwettaq. Proġetti 'l fuq minn miljun euro huma approvati mill-kumitat AAL, kompost minn rappreżentanti tal-Pajjiżi Membri.

*Proġetti mdewma u xi kultant abbandunati …*

43. Dewmien sinifikanti seħħ ukoll matul l-implimentazzjoni ta' għaxar minn 14 -il proġett verifikat. Hemm kemm numru ta' kawżi: il-kumplessità mhux neċessarja tal-proġetti; nuqqas ta' esperjenza tal-PMO; bidliet frekwenti fil-persunal tal-Kummissjoni; problemi fil-ftehim kuntrattwali u proċeduri bil-mod.

***Kaxxa 3 — Dewmien matul l-implimentazzjoni***

*1. Fil-proġett Marittimu UE-Indja, il-kuntratt kien iffirmat f' Mejju 1000 u kien estiż sa Diċembru 2003. L-attivitajiet ta' taħriġ kienu mdewma mingħajr bżonn sa tmien il-programm. Fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni l-proġett kien assenjat lil erba' skrivani differenti wieħed wara l-ieħor. Din ir-rotazzjoni kkontribwiet ukoll għad-dewmien ta' l-implimentazzjoni.*

*2. Fiċ-Ċina l-proġett IPR kien implimentat b'dewmien konsiderevoli. Il-proġett kien estiż sa Diċembru 2005 imma l-kuntratt PMO kien estiż biss sa Diċembru 2003 li wassal għal problemi ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji benefiċjarji differenti.*

*3. Il-proġett IPR UE-Indja ma kienx implimentat kompletament. Il-problemi rriżultaw minn taħlita ta' nuqqas ta' segwitu koerenti mill-Kummissjoni minħabba bidliet tal-persunal u nuqqas ta' esperjenza minn naħa tal-PMO Ewropea.*

***Kaxxa 4 — Miri tal-proġetti mhux milħuqa***

*1. L-effettività tal-proġett MUTRAP kienet imnaqqsa minħabba problemi ta' sejħa għall-offerti, u vojt mhux ippjanat sakemm beda t-tieni stadju tal-proġett.*

*2. Minħabba aġenzija ta' implimentazzjoni mhux effettiva, il-proġett Audiovisual fil-Vjetnam ħalla ftit wisq riżultati tanġibbli: workshop wieħed biss ittella' u l-attivitajiet ta' promozzjoni fl-Ewropa u l-Vjetnam kienu limitati ħafna.*

*3. Ir-riżultati tal-programm ta' Servizzi Finanzjarji fiċ-Ċina ma kinux biżżejjed u inadegwati, minħabba nuqqas ta' preċiżjoni fil-Ftehim ta' Finanzjament.*

***Kaxxa 5 — Proġetti ta' Suċċess***

*1. Il-miri tal-proġett ta' l-Avjazzjoni Ċivili fl-Indja kienu mexjin tajjeb biex jintlaħqu. Skond il-Proposta ta' Finanzjament approssimament 900 persuna kellhom jiġu mħarrġa. Fiż-żmien tal-verifika n-numru attwali ta' inġiniera mħarrġa kien ta' 2 315-il inġinier, maniġers, esperti, tekniċi u pilota: 97 % ta' dawk li attendew iġġudikaw l-attivitajiet ta' taħriġ bħala tajba, jew tajba ħafna.*

*2. Fil-Vjetnam, il-proġett EBIC kellu impatt pożittiv. Għalkemm l-ebda miri ma kienu ffissati fil-Proposta ta' Finanzjament jew fil-Ftehim ta' Finanzjament, il-proġett kellu x'jaqsam ma' 1 007 talba t'informazzjonii, 107 avveniment/seminarju, 5 599 parteċipant reġistrat, u 315 rapport ta' l-istampa. 82 % tal-parteċipanti kienu sodisfatti bis-seminarji u 75 % kienu sofisfatti bis-servizzi t' informazzjoni.*

*… riduzzjoni tar-riżultati u impatti*

44. Sabiex jiġi valutat il-progress u s-suċċess tal-proġett, miri approprjati għandhom jiġu stabbiliti mill-bidu. Fil-prattika, l-Qorti sabet li miri tal-proġetti, per eżempju n-numru ta' persuni li jridu jitħarrġu għal livell definit, ħafna drabi ma kienux stabbiliti b'mod ċar, u, għalhekk, ma kienx hemm bażi objettiva biex jiġu ġudikati r-riżultati jew l-eżekuzzjoni. Il-Qorti sabet, meta bbażat il-ġudizzju tagħha fuq kriterji eżistenti jew elaborati għaċ-ċirkostanzi, li ċerti proġetti kienu b'mod ċar bla suċċess, filwaqt li oħrajn kienu ta' suċċess.

*Il-Monitoraġġ mhux dejjem sodisfaċenti*

45. Monitoraġġ effettiv jinvolvi s-segwitu tal-progress segwenti, tidentifika l-problemi u tieħu azzjoni korrettiva fil-ħin. Dan għandu jkun dokumentat b'mod xieraq sabiex jiġi reġistrat ix-xogħol li sar u kwalunkwe azzjoni meħuda sussegwentament. Il-Qorti vvalutat il-kwalità tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni għal kull wieħed mill-proġetti magħżula. Il-Ftehim ta' Finanzjament jistipulaw li l-PMO għandhom jagħtu lill-Kummissjoni rapporti regolari fuq il-progress ta' l-implimentazzjoni tal-proġett. Ħafna mill-proġetti jistabbilixxu sistemi biex ikejjlu u jimmonitoraw il-progress u jipprovu bażi għar-rapporti ta' progress, li, dawn, huma reveduti u valutati mill-Kummissjoni.

46. Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni ma kienx dejjem konsistenti jew komplement ta' suċċess. F'ċerti każijiet ma kienx biżżejjed, li rriżulta bi problemi li ma kinux identifikati, filwaqt li f'oħrajn kien hemm ħafna ndħil fit-tmexxija ta' kuljum tal-proġett. Dawn ifixklu l-implimentazzjoni, ikun hemm riskji li ma jiġux identifikati problemi f'livell għola u huwa użu mhux effettiv tar-riżorsi skarsi tal-Kummissjoni. Anke meta jitwettaq monitoraġġ mhux dejjem ikun hemm evidenza ta' xi jkun sar.

***Kaxxa 6 — Monitoraġġ inkonsistenti***

*1. Għall-proġett EBIC fl-Indja, il-files tal-Kummissjoni ma kinux juru b'mod ċar x'monitoraġġ sar. Għall-EBIC fil-Vjetnam ma kienx hemmx evidenza ċara tal-monitoraġġ mill-Kummissjoni ħlief għal żjara waħda mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni li jkopru l-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Kambodja.*

*2. Fl-Indja l-monitoraġġ tad-Delegazzjoni tal-Faċilità għal Proġetti Żgħar (SPF) ma kienx sistematiku u inadegwat: il-proġetti ma kinux meħtieġa li jissottomettu kwalunkwe rapporti ta' progress li jnaqqsu l-bażi effettiva għall-monitoraġġ.*

*3. Fil-proġett ta' Servizzi Finanzjarji taċ-Ċina kien hemm evidenza ta' monitoraġġ regolari mwettaq mid-Delegazzjoni. Madanakollu, id-Delegazzjoni marret 'lil hinn mill-funzjoni ta' monitoraġġ tagħha billi ħadet rwol ta' ġestjoni fit-tmexxija tal-proġett.*

*Is-sostenibilità tal-proġetti hija dubjuża*

47. Il-proġetti kollha finanzjati mill-UE huma maħsuba biex ikunu sostenibbli: attività hija kkunsidrata sostenibbli meta hija kapaċi twassal benefiċċji lil grupp immirat għal perjodu ta' żmien estiż wara li l-għajnuna prinċipali spiċċat. Dan jista' jintlaħaq billi l-proġett isir iffinanzjat minnu innifsu jew minn impenn li jitkompla mill-gvern ta' pajjiż benefiċjarju. Il-Qorti eżaminat jekk il-proġetti abbozzawx pjan ta' sostenibilità u tawx attenzjoni adegwata lill-kwistjoni ta' sostenibilità matul iż-żmien tal-proġett. Fil-prattika, sostenibilità ħafna drabi tiddependi fuq progress suffiċjenti milħuq tul iż-żmien tal-proġett: żmien suffiċjenti għandu jingħata biex jintlaħqu l-miri għaliex proġett mhux lest is-soltu ma jkunx sostenibbli. F'sitta minn 14-il proġett verifikat, il-potenzjal għal sostenibilità kien dubjuż.

***Kaxxa 7 — Sostenibilità***

*1. Tmien xhur qabel jintemm, il-proġett ECERP kien għadu ma ppreparax pjan ta' sostenibblità. Ma kienx ċar kif l-attivitajiet kienu ser jitkomplew la darba l-appoġġ finanzjarju ta' l-UE kien ser jispiċċa.*

*2. Għall-proġett tas-Servizzi Finanzjarji l-ebda pjan ta' sostenibilità ma kien abbozzat u ċerti attivitajiet mogħtija prijorità kienu għal żmien qasir fin-natura tagħhom, b'soluzzjonijiet iddisinjati biex jaffrontaw problemi kurrenti kontra l-implimentazzjoni ta' strutturi għal tul ta' żmien.*

*Nuqqas ta' Valutazzjonijiet*

48. Il-valutazzjoni hija element essenzjali ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għal ġestjoni finanzjarja tajba u tinvolvi ġudizzju ta' intervenzjonijiet skond ir-rizultati tagħhom, l-impatti tagħhom u l-bżonnijiet li huma jimmiraw li jissodisfaw ([1]). Hija maħsuba biex tivvaluta sa fejn intlaħqu l-miri u tispjega mekkanismi kawżali ta' bażi.[Il-valutazzjoi tista' sseħħ kemm fil-livelli ta' proġett individwali kif ukoll ta' programmi ġenerali]. Problemi jew nuqqasijiet identifikati kemm fil-maniġment kif ukoll fir-riżultati għandhom jiffurmaw il-bażi għal azzjoni korrettiva mill-Kummissjoni.

49. Il-Ftehim ta' Finanzjament għall-proġetti bilaterali verifikati ma provdewx sistematikament għal valutazzjonijiet indipendenti u ma kienx hemm evidenza tal-kriterja użata biex tiddeċiedi liema proġetti għandhom ikunu valutati. Anke meta l-valutazzjonijiet kienu provduti mhux dejjem saru fil-ħin b'hekk naqqsu jew ukoll ċaħdu, l-effettività tagħhom.

***Kaxxa 8 — Nuqqasijiet fil-valutazzjonijiet tal-proġetti***

*1. Il-Ftehim ta' Finanzjament ma provdewx għal valutazzjonijiet indipendenti tat-tliet programmi IPR.*

*2. Fl-Indja, il-ftehim oriġinali ta' ħames snin għall-proġett ta' l-Avjazzjoni Ċivili kien jgħid li għandu jkun hemm valutazzjoni ta' nofs it-term wara sentejn mill-implimentazzjoni. Sussegwentament il-proġett kien maqsum f'żewġ kuntratti b'fażi ta' bidu ta' 12-il xahar, segwit minn fażi ta' implimentazzjoni ta' 3 snin. Il-ftehim il-ġdid għall-fażi ta' implimentazzjoni żamm il-klawsola li l-proġett għandu jkollu valutazzjoni ta' nofs it-term wara sentejn mill-implimentazzjoni. Madanakollu, fejn Reviżjoni ta' Nofs it-Term wara sentejn hija xierqa għal proġett ta' 5 snin, huwa tard għal proġett ta' 3 snin, għaliex dan ma jħalliex żmien biżżejjed għal miżuri korrettivi biex jiġu implimentati.*

([1]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni (SEC(2000) 1051).

**Proġetti għall-Ażja kollha**

50. Il-programmi għall-Ażja kollha (ara l-paragrafi 5, 7-9) huma maqsuma f'numru ta' strumenti jew komponenti li fihom jsiru numru kbir ta' proġetti ta' valur żgħir. Proġetti tipiku huwa 100 000-200 000 euro u jinvolvi ko-finanzjament minn sħab Ażjatiċi jew Ewropej li jipprovdu 50 % tal-fondi. Il-proġetti huma ffinanzjati fuq talba fejn l-applikanti jagħmlu t-talba tagħhom ta' finanzjament f'għamla ta' proposti. Dan wassal għal finanzjament ta' sensiela differenti ta' proġetti. Għal lista kompluta ara *Tabella 7*.

> ***Kaxxa 9 — Eżempji ta' proġetti għall-Ażja kollha***
>
> 1. *Proġett ta' l-IT & C ta' l-Ażja li mmira biex ixerred effettivament għodda ta' l-e-business avvanzati u disinjati li jistgħu jieħdu ħsieb relazzjonijiet bejn operaturi Indjani u Ewropew fis-settur tessili.*
>
> 2. *Proġett ta' l-Asia Invest li mmira biex iqanqal it-tkabbir sostenibbli ta' l-industrija Vjetnamiża tax-xedd tas-saqajn bl-introduzzjoni u trasferiment ta' tekniki ta' żvilupp tal-prodott, kapaċità tat-tkabbir ta' ġestjoni u biex iqanqal il-kreazjoni ta' industrija ta' appoġġ.*
>
> 3. *Proġett ta' l-Ażja Invest provda taħriġ għal konsulenti ta' l-esportazzjoni minn organizzazzjonijiet Brittaniċi kif jesporta lejn, u jinvestu fiċ-Ċina.*
>
> 4. *Proġett ta' l-IT & C ta' l-Ażja immira li jnaqqas il-faqar u jżid l-opportunitajiet għas-settur IT & C taċ-Ċina billi juża l-Internet bħala pjattaforma ta' servizz ta' informazzjoni biex isaħħaħ il-komunikazzjoni u skambju bejn atturi tal-mikrofinanza u dawk li jagħmlu l-politika Ċiniża, u bejn atturi domestiċi u organizzazzjonijiet barranin.*
>
> 5. *Proġett ta' l-Ażja Invest immira li jżid il-kapaċità, jagħti tagħrif u know how fuq aspetti relatati mas-sistemi ta' ġestjoni ambjentali għall-industrija ta' lukandi fil-Vjetnam.*

*Proċedura ta' applikazzjoni iebsa u kumplessa*

51. Il-proċeduri ta' applikazzjoni għandhom jipprovdu bażi suffiċjenti għall-għażla ta' proġetti l-aktar effettivi u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, filwaqt li ma jżommux lura applikanti potenzjali minħabba proċeduri kumplessi żejda u ħtiġijiet mhux neċessarji. Għall-programmi *Asia Invest* u *Asia IT & C* kien hemm sejħa għall-proposti darbtejn fis-sena taħt liema l-applikanti ssottomettew prosposti ta' proġett li l-Kummissjoni imbagħad tivvaluta. Il-proċess ta' applikazzjoni huwa formalizzat: applikazzjoni standarizzata għandha timtela, li tinkludi, baġit dettaljat u Dikjarazzjoni ta' Sħubija taħt liema s-sħab differenti jaqblu mal-prinċipji ta' prattika ta' sħubija tajba.

52. Il-Kummissjoni tipprovdi linji ta' gwida ċari u dettaljati għall-applikanti, inklużi tmien annessi ta' spjega. Madankollu li tilħaq il-ħtiġijiet tal-proċedura ta' applikazzjoni huwa mifhum li ser ikun diffiċli għal applikanti mingħajr esperjenza. Għalkemm ħafna mis-sħab sabu d-dokumenti ta' gwida ta' għajnuna, dettaljati u loġiċi biex isegwu, għaxra minn disgħa u tletin proġett sabuhom diffiċli biex jifhmu u jikkonformaw magħhom. Għall-applikanti, il-preparazzjoni, il-ġbir u l-kumpilazzjoni ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa tieħdilhom ħafna ħin u għalhekk tiswa' l-flus, partikolarment jekk din trid tkun tradotta.

53. Sħab Ażjatiċi ltaqgħu ukoll ma' problemi biex jipprovdu l-istatuti u/jew artikoli ta' assoċjazzjoni kif meħtieġ mill-proċedura ta' applikazzjoni, partikolarment għax f'ċerti pajjiżi Ażjatiċi tali dokumenti lanqas jeżistu f'din l-għamla. Il-fatt li arranġamenti legali bejn il-partijiet iridu jkunu kuntrattati meta dawn japplikaw għall-proġett kienet ukoll diffikultà. Sħab Ażjatiċi spjegaw ir-riluttanza tagħhom biex jidħlu f' tali arranġamenti qabel ma jkunu jafu jekk l-applikazzjoni hijiex ser tkun ta' suċċess.

54. Għalkemm il-programm huwa mmirat lejn is-settur privat li jopera fl-ambjent orjentat għall-kummerċ, l-għajnuna tista' tkun imħallsa biss lill-intermedjari ta' negozji mingħajr profitt li jippromwovu suq u investiment bejn il-UE u l-Ażja, jiġifieri organizzazzjonijet pubbliċi u li ma jagħmlux profitt, jew amministrazzjonijiet lokali. Fil-prattika, il-proġetti huma ta' spiss ma' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet tan-negozju li fit-teorija ma jagħmlux profitt imma huma finanzjati minn kumpaniji tas-settur privat biex ikomplu l-miri kummerċjali. Dan l-isforz rigward l-iffinanzjar jista' jwassal għar-riskju li jiġu esklużi proġetti potenzjalment ta' valur bħal dawn li jinvolvu sħab diretti fin-negozju li, minħabba s-segretezza kummerċjali, jistgħu ma jkunux iridu jużaw intermedjarji jew assoċjazzjonijiet ta' negozju.

> ***Kaxxa 10 — Proċedura ta' applikazzjoni***
>
> 1. *Proġett Asia IT & C fejn l-applikant prinċipali kienet istituzzjoni għal edukazzjoni terzjarja fil-Vjetnam li kellha l-miri li tivvaluta korsijet ta' livell gradwatorjuta' IT & C e-learning Ewropej bi ħsieb li tiżviluppa kompetenza sinifikanti lokali fil-Vjetnam iddiskrivew l-esperjenzi tagħhom. Dawk responsabbli għall-proġett li ddiskrivew l-esperjenza tagħhom, qalu l-proċedura ta' applikazzjoni kienet twila ħafna għax ħaditilhom tlett xhur biex ilestu l-proposta. Id-Direttur tagħhom mar l-Ewropa biex isaqsi kif jimla' l-proposta. Huma kellhom ukoll problema għax ħadmu l-baġit fuq formola antika tal-Kummissjoni. Il-baġit kien irrifjutat u għalhekk kellhom jerġgħu jimlewħ mill-ġdid. Huma sabu d-dokumenti ta' gwida diffiċli biex jifhmuhom u kellhom jistaqsu kuntatt Ażjatiku li l-applikazzjoni tiegħu kienet aċċettata biex jgħinhom.*

*2. Dawk responsabbli għal istruzzjoni oħra għal edukazzjoni terzjarja fil-Vjetnam, li ppreżentaw tlett proġetti relatati ma' l-amministrazzjoni tal-ġestjoni tan-negozju qalu li sabu l-proċedura ta' applikazzjoni iebsa ħafna u kienu diżappuntati li ma setgħux jippreżentaw l-applikazzjonijiet online. Dan il-benefiċjarju ppreżenta tlett applikazzjonijiet u kellu jippreżenta l-istess dokumentazzjoni tlett darbiet. Huma kellhom diffikultà biex jipprovdu l-istatuti tagħhom.*

*3. Assoċjazzjoni Industrijali Ċiniża li l-proġett tagħha kien immirat lejn negożji tat-taħriġ fit-trattament ta' l-ilma taddranaġġ ikkunsidrat li l-ammont ta' xogħol rikjest għall-applikazzjoni kien iebes ħafna. Il-problemi prinċipali għalihom kienu li l-pjan ta' attivitajiet rikjesti kienu wisq iddettaljati, huwa diffiċli ħafna, per eżempju, għal applikant biex ikun jaf minn xhur qabel min ser jagħti diskors. Ċerti dokumenti kellhom ikunu tradotti miċ-Ċiniż għall-Ingliż, li kienet tiswa' ħafna kemm f'termini ta' ħin kif ukoll ta' flus.*

55. Ir-rwol tad-Delegazzjonijiet li jassistu applikanti potenzjali bil-proposti mhux definit b'mod ċar. Għajnuna aktar immirata għandha tinkoraġixxi numru akbar ta' applikazzjonijiet, tħaffef il-proċess ta' applikazzjoni, ittejjeb il-kwalità ta' l-applikazzjonijiet u tgħin tkabbar il-potenzjal tal-proġetti. Madanakollu, l-għajnuna mogħtija ma għandiex tikkomprometti l-objettività tar-rwol tad-Delegazzjonijiet li jivvalutaw jew japprovaw il-proposti, lanqas tagħti l-impressjoni li l-għajnuna tad-Delegazzjonijiet tagħti dritt għal approvazzjoni.

56. Fil-prattika d-Delegazzjonijiet ma jagħtu l-ebda għajnuna, imma r-rwol tagħhom fil-valutazzjoni u approvazzjoni ta' proġetti huwa limitat li jagħmlu kummenti fuq il-proposti lil kumitat ta' valutazzjoni fis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni fi Brussell. Għalhekk, benefiċjarji potenzjali u attwali tal-programmi ta' l- UE qed ikunu miċħuda għajnuna prezzjuża biex jaffrontaw proċess kumpless, b'hekk jiżdiedu d-dewmien u n-nuqqasijiet fl-applikazzjonijiet u probabilment ċerti applikanti qed jiġu skoraġġati.

*Ċerti proġetti taw riżultati pożittivi …*

57. Għalkemm tmienja mill-proġetti verifikati kienu għadhom fl-istadju inizjali u allura kien għadu kmieni biex jiġu valutati r-riżultati tagħhom, fi tmienja u għoxrin każ il-proġetti wrew progress sostanzjali u riżultati siewja. Il-proġetti verifikati ma kellhomx dewmien kbir u ffaċċjaw b'mod tajjeb problemi esterni, bħal SARS u inċertezzi politiċi. Filwaqt li jittieħed in konsiderazzjoni l-valur monetarju baxx tal-proġetti individwali *Asia Invest* u *Asia IT & C*, in-numru ta' benefiċjarji li laħqu kien konsiderevoli.

***Kaxxa 11 — Proġetti ta' suċċess***

*Proġett ta' 100 000 euro biex isaħħaħ il-kapaċità tas-servizzi ta' konsulenza fl-inġenierija fil-Vjetnam, bi ħsieb li jtejjeb il-preparazzjoni ta' proġetti u s-supervizzjoni ta' xogħol fuq il-post, ħarreġ 600 persuna fi tlett modules ta' taħriġ indipendenti, ta' madwar ġimgħatejn il-wieħed.*

*… u kienu mmonitorjati tajjeb …*

58. Is-sistemi ta' monitoraġġ regolari mtella' għall-programmi *Asia Invest* u *Asia IT & C* ħadmu tajjeb ħafna. Is-sħab provdew rapporti kull tlett xhur u dawn kienu eżaminati minn timijiet imwaqqfa mill-Kummissjoni, li jagħmlu kummenti qosra bil-miktub fuq ir-rapporti. Iż-żewġ timijiet jibgħatu nota sabiex ifakkruhom meta r-rapporti jkunu tard. Ħafna mill-benefiċjarji esprimew livell għoli ta' sodisfazzjoni bil-monitoraġġ regolari mit-timijiet fi Brussell u/jew Bangkok. Il-benefiċjarji apprezzaw b'mod partikolari il-monitoraġġ tal-programm *Asia IT & C* għaliex it-tim dejjem ta *feedback*, kemm pożittiv kif ukoll negattiv, fuq ir-rapporti kollha ta' progress, filwaqt li l-programm *Asia Invest* ħafna drabi kkuntattja s-sħab biss meta kien hemm problemi.

*… imma għadu hemm dubji rigward is-sostenibilità*

59. Bħala parti mill-proċedura ta' applikazzjoni l-applikanti huma mistennija li jagħtu informazzjoni dwar il-pjanijiet tagħhom ta' sostenibilità. Ħafna mill-proġetti verifikati fl-Ewropa kienu stabbilew pjan ta' sostenibilità bħala parti mit-tfassil tal-proġett imma ma kienx dejjem ċar jekk is-sostenibilità ser tkunx assigurata. F'ċerti każijiet il-proġetti kienu ddisinjati fuq is-suppożizzjoni li ser ikun hemm fażi oħra iffinanzjata mill-UE, li tfisser, b'definizzjoni, li l-proġett mhux sostenibbli.

***Kaxxa 12 — Sostenibilità***

*1. Fl-Indja, mhux il-proġetti kollha stabbilew pjan ta' sostenibilità bħala parti mill-identifikazzjoni tal-proġett u anke meta dawn kienu stabbiliti dawn ħafna drabi kienu ta' kwalità fqira.*

*2. Ħafna mill-proġetti fil-Vjetnam ma stabbilewx pjanijiet ta' sostenibilità matul l-identifikazzjoni tal-proġett. Madanakollu, fiż-żmien tal-verifika, ħafna minnhom kienu qed jaħdmu attivament fuqhom. F'ħafna każijiet, kemm fl-Indja kif ukoll fil-Vjetnam, is-sostenibilità tal-proġetti tidher li tiddependi fuq aktar appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni. Tassew f'ċerti każijiet l-attività prinċipali relatata mas-sostenebilità dehret li kienet il-preżentazzjoni ta' proposti ġodda lill-Kummissjoni.*

*3. Is-sostenibilità għal ħafna mill-proġett għall-Ażja kollha implimentati fiċ-Ċina dehret tajba mhux ħażin. Mhux il-proġetti kollha kienu stabbilew pjanijiet ta' sostenibilità imma pjanijiet kienu qed jiġu stabbiliti jew kien hemm evidenza ta' attivitajiet ta' segwitu li kienu qed jitwettqu. F'każ wieħed biss proġett kien qed jitlob għal aktar finanzjament mill-UE għal aktar proġetti.*

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### *Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq strateġija*

60. Il-koperazzjoni ekonomika hija qasam speċifiku relattivament ġdid tal-programmi ta' żvilupp tal-KE. Filwaqt li l-istrateġija għall-koperazzjoni ekonomika hija stabbilita f'numru ta' sorsi differenti, hemm ftit konsistenza. Din hija maħsuba biex tgħin l-iżvilupp ta' l-ekonomiji tal-pajjiżi Ażjatiċi infushom, filwaqt li żdiedet l-influwenza u n-negozju ta' l-UE. Hija mmirata lejn il-pajjiżi Ażjatiċi l-inqas żviluppati, kif ukoll lejn dawk bl-ekonomiji aktar żviluppati (ara l-paragrafi 16-27).

61. Il-Qorti tirrikkmanda l-Kummissjoni biex tistabbilixxi, fil-kuntest ta' koperazzoni ta' żvilupp ġenerali, strateġija konsistenti għall-koperazzjoni ekonomika li tagħraf in-natura speċifika ħafna ta' l-għajnuna u l-għan tagħha, tagħmel distinzjoni ċara bejn il-miri li jridu jintlaħqu b'negozjar u b'azzjoni politika, u għal dawk għal liema n-nefqa fuq proġetti u programmi hija xierqa.

62. Il-Kummissjoni tagħraf il-bżonn li tieħu in konsiderazzjoni l-bżonnijiet speċifiċi tal-pajjiżi individwali f' termini ta' koperazzjoni ekonomika, imma tonqos milli tirrifletti dan suffiċjentement fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż. Fid-dikjarazzjoni ta' l-attività ABM — li bħalissa hija fil-qalba ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għal ġestjoni finanzjarja tajba — m'hemm l-ebda konsistenza u struttura loġika mill-miri ġenerali, mill-prijoritajiet sal-miri dettaljati. L-indikaturi tar-riżultati u ta' l-impatt — li għandhom jiffurmaw il-bażi għal monitoraġġ u valutazzjoni tal-progress u impatt — jikkonċentraw fuq il-proċess fil-livell politiku, aktar milli fuq il-produzzjoniu r-riżultati ta' l-għajnuna innifisha (ara paragrafi 21-33).

63. Il-Qorti tirrikkmanda li l-Kummissjoni tipprovdi konsiderazzjoni suffiċjenti tal-koperazzjoni ekonomika fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni r-rabta mal-bżonnijiet ġenerali ta' l-iżvilupp. L-approċċ għandu jkun definit każ b'każ sabiex jippreżenta t-taħlita tajba ta' għajnuna għaċ-ċirkostanzi partikolari. Sforzi speċifiċi għandhom isiru sabiex tiġi assigurata loġika u konsistenza fid-dikjarazzjoni ta' attività. Indikaturi, li huma objettivi, utli u komprensivi u jirriflettu r-riżultati ta' l-għajnuna għandhom ikunu stabbiliti.

64. In-nuqqas ta' strateġiji speċifiċi operattivi għall-koperazzjoni ekonomika rriżultat f'sensiela differenti ta' proġetti u programmi mxerrda tul ir-reġjuni kollha — reġjuni fejn jiddomina n-negozju nazzjonali u globali. Dan in-nuqqas ta' fokus ifisser li l-impatt ta' koperazzjoni ekonomika huwa diffiċli biex jitkejjel, ir-rabta mal-prijorità prinċipali tat-tisħiħ ta' negozju u investiment hija diffiċli biex tkun stabbilita, u għalhekk hemm biss bażi limitata biex tiġi assigurata jekk in-nefqa ta' l-UE kienitx effettiva jew kienx hemm valur għall-flus (ara l-paragrafi 34-35).

65. Il-Qorti tirrikkmanda li l-Kummissjoni tassigura li l-għajnuna hija ffukata fuq miri definiti u li jistgħu jitkejlu sabiex iservu bħala bażi għal ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit ta' l-UE.

### *Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni*

66. Il-verifika tal-Qorti wriet nuqqasijiet fil-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni ekonomika fl-Ażja. Ftit minn dawn in-nuqqasijiet fixklu l-effikaċja ta' l-għajnuna.

67. Fil-każ tal-proġetti bilaterali kien hemm dewmien twil ħafna u mhux aċċettabli bejn il-fażi ta' identifikazzjoni u l-bidu ta' l-implimentazzjoni għal raġunijiet varji. F' ħafna każijiet id-dewmien kompla matul il-fażi ta' implimentazzjoni, dan naqqas ir-riżultati u l-impatt tal-proġetti. Il-livell ta' monitoraġġ ma kienx dejjem sodisfaċenti, valutazzjonijiet esterni ma twettqux dejjem fil-ħin u l-potenzjal għal sostenibilità kien dubjuż għal kważi nofs il-proġetti verifikati (ara paragrafi 38-49).

68. Il-Qorti tirrikkmanda li l-Kummissjoni tidentifika t-tipi ta' azzjonijiet korrettivi neċessarji biex isolvu l-problemi fil-proġetti bilaterali u biex jiġu evitati problemi simili fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti futuri. Oqsma speċifiċi li jeħtieġu attenzjoni inkludew li jiġi assigurat li l-miri tal-programmi u proġetti differenti huma ċari u realistiċi għaż-żmien ippjanat u li l-valutazzjonijiet imwettqa kienu approprjati, isegwu strateġija ċara u fil-ħin.

69. Fil-każ ta' proġetti verifikati fil-programmi għall-Ażja kollha, il-proċedura ta' applikazzjoni nstabet li kienet oneruża u kumplessa minn ħafna applikanti għall-proġetti ta' daqs żgħir. Barra minn dan, in-nuqqas ta' klarità fir-rwol tad-Delegazzjonijiet li jassistu benefiċjarji potenzjali biex jippreparaw l-applikazzjonijiet tagħhom fissret li għajnuna ta' valur ma kienitx mogħtija. Filwaqt li l-proġetti verifikati għamlu progress tajjeb fil-kisba ta' riżultati utli, dawn setgħu ma jkunux sostenibbli għax ħafna minnhom kellhom bżonn aktar appoġġ finanzjarju. Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni kienu effettivi ħafna (ara paragrafi 50-59).

70. Il-Qorti tirrikkmanda l-Kummissjoni li tikkunsidra mill-ġdid l-proċeduri ta' applikazzjoni bi ħsieb li tibbilanċja l-bżonn li tipproteġi l-interessi finanzjarji ta' l-UE filwaqt li tinkoraġixxi l-aktar sensiela wiesgħa ta' benefiċjarji potenzjali u proġetti. Billi tagħmel dan hija għandha tirrikunsidra l-bżonn għall-applikanti li jippreparaw qafas loġiku. Il-Kummissjoni għandha tassigura wkoll li d-dokumenti jew informazzjoni mitluba huma disponibbli. Mudell komplut ta' l-applikazzjoni, preferibilment każ b'każ għall-qafas legali u organizzattiv f'kull pajjiz, ikun ta' għajnuna f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li twaqqaf reġistru ċentrali għad-dokumenti provduti ma' l-applikazzjonijiet, sabiex ma jkunx hemm bżonn li jiġu provduti mill-ġdid għal applikazzjoni futuri mill-istess benefiċjarju.

71. Il-Qorti tirrikkmanda li r-rwol tad-Delegazzjonijiet li jassistu benefiċjarji potenzjali fid-definizzjoni tal-proġetti u fil-preparazzjoni ta' applikazzjonijiet għandu jkun imfisser u msaħħaħ b'mod ċar. L-għan għandu jkun li jitqanqlu interessi wiesa' fil-programmi u b'hekk jinkoraġixxu l-akbar numru ta' benefiċjarji potenzjali u proposti, jgħin biex jiġi assigurat li l-applikazzjonijiet huma kompluti u preparati malajr, b'hekk tgħin biex assigurat li l-proġetti l-aktar effettivi u approprjati jiġu magħżula.

72. Il-Qorti tirrikkmanda li s-sistema ta' monitoraġġ regolari tal-proġetti għall-Ażja kollha, inkluża format standard ta' rappurtar, tista' taqdi bħala mudell utli għad-Delegazzjonijiet għall-monitoraġġ kemm tal-proġetti bilaterali kif ukoll għall-proġetti għall-Ażja kollha.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2005.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Hubert WEBER
*President*

## THE COMMISSION'S REPLIES

### EXECUTIVE SUMMARY

IV. Starting in 2000, the Commission has undertaken a reform of its external assistance management. This includes the introduction of Country Strategy Papers, Regional Strategy Papers and multi-annual indicative programmes.

(first and second indents) — Priorities for expenditure have always been mutually agreed with Asian governments, and as far as possible reflected the priorities and objectives of civil society. With the introduction of Country and Regional Strategy Papers in combination with indicative programmes, the Commission aims to achieve better focus of development expenditure including that on economic cooperation.

(third indent) — The Commission recognises that the overall impact of assistance is difficult to measure. This is particularly the case where projects have been largely technical assistance in nature. At the project level, since the reform of EC external assistance, all aspects of Project Cycle Management (PCM) are fully institutionalised. The use of the logical framework approach provides objectively verifiable indicators and predefined means to assess the effectiveness of the expenditure. Independent monitoring, as well as mandatory mid-term and final evaluations are then used to verify this.

V.

(first indent) — The delays between the identification phase and the start of the projects, as well as those delays that were identified in projects under implementation, concern bilateral projects designed before the reform of EC external assistance. As a result of this reform, including the establishment of EuropeAid (January 2001) and the devolution of aid management to the Commission Delegations, together with the New Financial Regulation (January 2003), project delays will be limited and contained.

In the current design of projects, a monitoring, audit and evaluation plan is obligatory. In parallel, since 2000, monitoring has also been systematically carried out by independent experts. Within this monitoring exercise economic cooperation projects in Asia have scored well in terms of potential for sustainability.

(second indent) — The application procedures, derived from the financial regulations, are geared towards the highest level of transparency and fairness. Support to applicants is given through public briefing/information days, regular updating of websites, including Frequently Asked Questions (FAQ). As a result, the Asia-wide projects are being managed well and no major delays have been experienced. Within the independent monitoring exercise, Asia-wide initiatives have also scored well in terms of sustainability.

VI.

(first indent) — The Commission considers economic cooperation as one of the intertwined components of its development assistance and is committed to giving it careful attention in the formulation of the CSP/NIP. The Commission will endeavour to further improve the consistency within the activity statement as well as to develop adequate indicators.

(second indent) — The reform of the EC external assistance, in particular the devolution of responsibilities to Delegations, which has taken place over the 2002-2005 period, has and will continue to improve the implementation and monitoring of bilateral projects on the ground. The requirement to conduct an evaluation is now systematically included in the Financing Agreement of all projects.

Monitoring and evaluation of projects has been enhanced by obligatory use of the logical framework tool. This will help to further improve sustainability.

(third indent) — The ongoing revision of AIDCO Practical Guide to contractual procedures will simplify the application process for grants to the extent allowed by the Financial Regulation, as well as clarify the role of the delegations in the evaluation.

(fourth indent) — The Results Orientated Monitoring (ROM) system, introduced since 2002, provides standardised monitoring information on projects and programmes.

**OBSERVATIONS**

20. The Commission agrees with the Court's statement of the potential risk of non-targeted assistance in all areas of cooperation. With the reform of external assistance in 2000 and the introduction of CSP/RSP in conjunction with the strategic communications on Asia, the Commission reaffirmed that short and long-term strategic objectives of EC cooperation in Asia should remain focused, thereby reducing the abovementioned risks.

22. The concept of mutual interest cannot be interpreted as a means for protecting EU interests. The Communication does not provide any bias for such a cooperation to be interpreted as mainly benefiting one partner or the other.

23. The objective of the economic cooperation is to stimulate mutual trade and investment and to provide an appropriate environment for the private sector to flourish. These and other such activities are intended to support the development objectives and the integration in the world economy of the Asian countries. Hence economic cooperation supports and facilitates the Commission's development objectives in Asia.

24. See reply to paragraph 22.

25. The Commission agrees with the Court that the definition and monitoring of indicators could be improved and this has been addressed by the Commission in the preparation of its CSP/Regional Strategy Papers and related indicative programmes for 2005-2006.

Current programming guidelines determine that aid should be targeted to a limited number of interventions. Also based on lessons learned the EC has since 2004 begun to reduce the scope of the Asia-wide programmes from five programmes to three.

26. The Commission is of the view that CSPs in Asia do not and should not make a hard distinction between economic cooperation and financial and technical cooperation strategies as both are mutually reinforcing instruments to achieve the EC's strategy in Asia. Furthermore, pro-poor economic and poverty reduction policies are not separated in national plans of the beneficiary countries in Asia. The recently proposed external action instruments go further along these lines, whereby there no longer exists a distinction between financial and technical cooperation and economic cooperation.

27. As regards the comments made by the Court on regional dimension, the Commission is of the view that Asia-wide programmes should be considered at the programme level. Applications involving more than one Asian country are encouraged in order to establish Asian cross-border business collaboration.

29. With its new ABM/ABB management approach the Commission seeks to improve the nature of the budgetary debate, on defining the overall political priorities, assessing the impact these priorities have on current activities and the objectives pursued by them, and granting resources accordingly. This policy-oriented debate, which has been welcomed by the budgetary authority, should allow to focus the debate on the activity level and less so on the individual budget lines.

31. The Commission accepts that the description of the objectives is general and could be further refined. This will be taken into account in the work to improve the activity statement.

32. The Commission shares the Court's view as regards impact indicators and is of the opinion that a realistic approach to measuring impacts is required, which takes account of the limited size of the EU intervention and the existence of similar programmes undertaken by Member States. The EC intervention can only contribute to, without being the sole generator of, increased trade and investment. The Commission will endeavour to further develop and improve adequate impact indicators.

33. The activity statement presents the information on the past outputs under each key objective and the way it is linked to the progress towards meeting them. The Commission is working towards more result-oriented indicators.

34.-35. Until 2001, policy objectives were directly translated into projects and programmes. Since 2002 national indicative programmes have been the tool for improved targeting, including for economic cooperation, resulting in a reduction of the number of sectors of intervention as well as a clarification of objectives and goals pursued under each sector. The Commission recognises that the overall impact of assistance is difficult to measure. This is particularly the case where projects have been largely technical assistance in nature.

At project level, since the reform of EC external assistance, all aspects of Project Cycle Management (PCM) are fully institutionalised. The use of the logical framework approach provides objectively verifiable indicators and predefined means to assess the effectiveness of the expenditure. Mandatory mid-term and final evaluations are then used to verify this.

39. The bilateral economic cooperation projects serve economic cooperation priorities, which are set in accordance with the existing priorities of individual countries as per their PRSPs and National Development Plans. Where possible the Commission works together with other donors so as to create a multiplier effect thereby ensuring that limited Community funds attain the maximum impact possible.

In many economic cooperation projects the impact of projects can only be viewed over the longer term. The impact of all future projects will be more systematically measured through the enhanced monitoring and evaluation procedures which are now in place.

40.-41. There is a balance between the speed of project preparation and the qualitative development of a project which involves: (a) an identification stage, to assess the sector concerned and identify key problems to be addressed, likely beneficiaries and possible implementation modalities; (b) an appraisal stage, where the details of the project are established with the full involvement and consultation of all relevant stakeholders, beneficiaries and other donors. This stage often includes the conduct of an economic and financial analysis, environmental impact assessment and gender impact assessment. Projects commence implementation with an inception period (usually of six months' duration) during which time the proposed activities are verified in terms of their timeliness and cost/benefit.

42.-43. Following the reform of EC external assistance, including in particular the devolution of management responsibilities to the Delegations, the implementation of projects and programmes has improved. Inevitably, there has been a period of adjustment, accompanied by the recruitment and substantial training of new staff in Delegations.

With regards to the problem of expertise, the gap between demand and offer of highly qualified TA working in the field of trade needs to be taken into account. The Commission has introduced measures to improve the situation by better targeting the new framework contract on trade (December 2003), by establishing a Trust Fund with the UN International Trade Centre (July 2004) and by better using expertise of relevant UN organisations.

44. Since the reform of EC external assistance, all aspects of Project Cycle Management (PCM) are now fully institutionalised. This is emphasised through the use of the logical framework approach, which provides the definition of the project objective, purpose, results, activities, objectively verifiable indicators and predefined means of verification.

46. Monitoring of projects has been more recently enhanced by the more focussed use of the logical framework tool, which includes clear definitions of the global objective, the project purpose, results and activities, along with specific indicators of achievement. Moreover, improvements in monitoring include the establishment of a system of Results Orientated Monitoring (ROM) undertaken by independent consultants.

47. Since 2000, monitoring has been systematically carried out by independent experts who are asked to analyse relevance, effectiveness, efficiency, impact and sustainability of selected projects according to an annual workplan. Within this exercise economic cooperation projects in Asia have scored well in terms of sustainability.

Moreover, since 2002 the EC has introduced a system of quality support measures that strengthen the examination of project design at the identification and formulation stages. The sustainability plans are now carefully looked at through this procedure.

Sustainability is examined as a specific criterion in all phases of the quality support process.

48.-49. Within the quality support system, in place since late 2002, mid-term and final evaluations have become mandatory in project design with budget line items identified to implement them. The mid-term evaluation is specifically foreseen to identify weaknesses and take the appropriate corrective measures. Both the devolution of aid management, and the systematic external monitoring exercise, provide a close monitoring and early identification of weaknesses thus enabling timely corrective measures.

52. Within the Asia-wide programmes, as well as the management of external assistance in general, the Guidelines for Applicants are constantly under revision and every effort is being made to simplify the application procedures. A balance will be sought between the necessary weight of procedures required for transparency and fairness and the simplicity desired by applicants.

53. The provision of statutes/articles of association is necessary to assess the status and nationality of the applicants, and thus meet the requirements of the legal basis.

Partners are requested to sign a "partnership statement" where they commit themselves to fulfilling their role if the proposal is selected.

54. The advantage of the non-profit making business intermediaries as beneficiaries is that they have the adequate structures to multiply the beneficial effects of projects.

The feasibility of allowing the profit making businesses to apply under the Asia-wide programmes is currently under examination. The condition would be that the beneficiaries do not make any profit from the co-funded projects.

The application of the principle of non-profit is being reviewed in a way which may facilitate the implementation of this kind of economic cooperation project in the way the Court suggests.

55. In the past two years, the EC has implemented a large variety of activities to improve guidance to potential applicants. This includes briefing sessions in EU Member States and Asian partner countries, regularly updated FAQ sections on the programme website, and centrally managed mailboxes to which applicants can address their queries. Best practice presentations on how to conceive good project proposals are made available on the websites. Respective responsibilities of Delegations and headquarters in this regard have been clarified as the process of devolution has developed.

Under the new generation of Asia-wide programmes, the EC has introduced a specific programme component on capacity-building actions which aim to enhance project preparation and project management skills of beneficiaries.

56. Delegations cannot assist applicants in preparing their proposals without infringing the principle of equality of treatment. This is why assistance is limited to the actions mentioned above.

In any event, assistance provided by Delegations cannot exceed the provision of general guidance, without entering into the details of a proposal.

59. Each proposal which is subject to a technical and financial evaluation is assessed in relation to sustainability. In addition the relevant Commission Delegation(s) is asked to comment specifically on the sustainability of the project in financial, institutional and policy terms, among other aspects.

**CONCLUSIONS AND RECOMMENDATIONS**

60. The concept of economic cooperation, as spelled out in the ALA regulations, is to stimulate mutual trade and investment and to provide an appropriate environment for the private sector to flourish. These and other such activities are intended to support the development objectives and the integration in the world economy of the Asian countries. Hence economic cooperation supports and facilitates the Commission's development objectives in Asia. With the introduction of country and Regional Strategy Papers as of 2002, the Commission aims to achieve better consistency between strategy, programming and implementation.

61. In accordance with Article 177 and 181a TEU, the Commission is of the firm view that economic cooperation must remain an integral part of its development actions in a single development strategy. The Commission, however, recognises that economic cooperation indicators need to be more country specific.

62. To implement its overall vision, the Commission develops specific CSPs/RSPs and draws up national programmes. These include both financial and technical and economic cooperation activities, which are mutually reinforcing and complementary.

The ABM process is new, and its formulation and consistency are being improved. However, activity statements should not be taken in isolation as they are used by the Commission, together with the other relevant documents that drive the Commission's actions in the Asia region.

63. The Commission considers economic cooperation as one of the intertwined components of its development assistance and is committed to giving it careful attention in the formulation of the CSP/NIP. Moreover, the Commission will endeavour to further improve the consistency within the activity statement as well as to develop adequate indicators.

64. Until 2001, policy objectives were directly translated into projects and programmes. Priorities for expenditure were mutually agreed with the Asian governments, and as far as possible reflected the priorities and objectives of civil society. Since 2002 CSPs and national indicative programmes have been the tool for improved targeting, including for economic cooperation, resulting in a reduction of the number of sectors of intervention as well as a clarification of objectives and goals pursued under each sector.

65. Since the reform of EC external assistance, all aspects of Project Cycle Management (PCM) are fully institutionalised. The use of the logical framework approach provides objectively verifiable indicators, and predefined means to assess the effectiveness of the expenditure.

66. The majority of the projects audited by the Court were designed in the period before the reform of the EC external assistance.

67. As a result of the reform of EC external assistance and with the entry into force of the new Financial Regulation in January 2003, project delays have since then been significantly limited and contained.

Monitoring and evaluations have been enhanced by the obligatory use of the logical framework tool, as well as the establishment of obligatory mid-term and final evaluation for every project/programme.

The sustainability plans are now carefully looked at through the Quality Support process. Moreover, sustainability is one of the criteria examined by the Result Oriented Monitoring and is systematically looked at in the context of independent monitoring exercises.

68. The current project design already requires a clear definition of the global objective, the project purposes, project results and activities. The requirement to conduct an independent external evaluation is systematically included in all projects since late 2002.

69. The Commission acknowledges that the application procedures for Asia wide programmes are complex, although everything is done to keep them as light as possible.

The current review of the Financial Regulation and its Implementing Rules should lead to more flexibility and proportionality in the application of the rules to small-scale projects, i.e. more in proportion to the risks involved.

Moreover, the ongoing revision of AIDCO Practical Guide to contractual procedures will simplify the application process for grants to the extent allowed by the Financial Regulation, as well as clarify the role of the delegations in the evaluation.

70. The posting of a model application on the website carries the risk of applicants replicating extensively from the model. The Commission makes available detailed fact sheets on all funded projects on the programme websites.

Monitoring and evaluation of projects has been enhanced by obligatory use of the logical framework tool. In part, it is due to the existence of the logical frameworks that the regular monitoring systems put into place for Asia wide programmes have worked very well. The Commission would therefore prefer to maintain the requirement that applicants complete a logical framework. The Commission will consider the use of a central registry as suggested by the Court.

71. In the past two years, the Commission has implemented a large variety of activities to improve guidance to potential applicants. Under the new generation of Asia-wide programmes, the Commission has introduced a specific programme component on capacity -building actions which aim to enhance project preparation and project management skills of beneficiaries.

Delegations cannot assist applicants in preparing their proposals without infringing the principle of equality of treatment. This is why assistance is limited to the provision of general guidance, without entering into the details of a proposal.

72. The Commission is constantly adapting procedures in order to adopt best practice. Both the monitoring system of the Asia wide projects and the external monitoring exercise now employ standard reporting formats. Since devolution, the Delegations are actively involved in this systematic monitoring activity.